IŻ-ŻEJTUN

*Citta' Beland*

# Ir-Rapport Annwali 2019

# u

# l-Estimi Finanzjarji 2020

# Il-Werrej

Il-Werrej ........................................................................................................................ i
Il-Kunsill Lokali ........................................................................................................................ 1
Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019_____________________________________1
It-Tqassim tad-Dekasteri _________________________________________________ 1-4
L-Impjegati tal-Kunsill ____________________________________________________5
L-Istruttura tal-Organizzazzjoni____________________________________________ 5-6
Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni _________________________________________6
Il-Laqgħat tal-Kunsill ______________________________________________________7
Doris Abela, is-Sindku ........................................................................................ 8-26
Joan Agius, il-Viċi-Sindku ................................................................................. 27-32
Amanda Abela ..................................................................................................... 33-34
Gesmond Baldacchino ........................................................................................ 35-38
Dorcas Camilleri ................................................................................................. 39-44
Raymond Caruana ............................................................................................... 45-48
Roderick Caruana ............................................................................................... 49-52
Sean Chircop ........................................................................................................ 53-63
Stephanie Fenech ................................................................................................ 64-67
Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2020 ......................................................... 68-79

# Il-Kunsill Lokali

## Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019




Mix-xellug: Anton Falzon (is-Segretarju Eżekuttiv), Sean Chircop, Raymond Caruana, Stephanie Fenech, Joan Agius (il-Viċi-Sindku), Doris Abela (is-Sindku), Amanda Abela, Gesmond Baldacchino, Dorcas Camilleri u Roderick Caruana

## It-Tqassim tad-Dekasteri

Is-Sindku qassmet id-dekasteri u r-responsabbiltajiet kif ġej :

<u>Doris Abela - Is-Sindku</u>



- Il-laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali.
- L-estimi u l-kontroll tal-finanzi (mas-Segretarju Eżekuttiv).
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Il-Kumitati Reġjonali u l-infurzar tal-liġi.
- Id-drittijiet taċ-ċittadini (inkluż iċ-ċertifikati u l-passaporti).
- Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna.
- It-traffiku.
- Sigurta' tal-lokal.

- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali.
- L-Innovazzjoni u Proġetti Ambjentali.
- Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali.

Joan Agius - il-Viċi-Sindku



- Is-servizzi għat-tfal sa 12 -il sena, inkluż il-*Kids' Club.*
- Attivitajiet u inizjattivi għall-familja, inkluż is-servizz u l-korsijiet għal kulħadd.
- Solidarjetà u integrazzjoni soċjali u l-ugwaljanza.
- L-assistenza soċjali.
- Il-kuntatti mal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u x-Xogħol.
- Skema għall-ġbir tal-iskart riċiklat.
- Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart.
- *i-BiNs.*

Amanda Abela – Kunsilliera



- L-istatistika.
- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko-Konformità.
- Il-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.

Gesmond Baldacchino - Kunsillier



- Il-latrini pubbliċi.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija (Ġnien iċ-Ċrieki, Ġnien Brejġu u Ġnien il-Qawsalla).
- Il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani.
- L-uffiċċju elettorali u karta tal-identita'.
- Il-parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita'.
- Suq fil-beraħ.
- *Housing.*

<u>Dorcas Camilleri - Kunsilliera</u>



- L-anzjani.
- Id-Dar tal-Anzjani.
- Kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani.
- Iċ-Ċentru tal-Kura Matul il-Jum għall-anzjani Żwieten.
- Id-djar l-oħra fejn hemm l-anzjani Żwieten.
- Il-persuni b'diżabbiltà.
- Il-Librerija Pubblika Lokali.
- L-edukazzjoni formali mill-Kindergarten sal-5 sena tas-Sekondarja.
- Il-Kunsilli Skolastiċi Primarji u Sekondarji sal-*Form* 5.
- L-Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkademiċi.

<u>Raymond Caruana - Kunsillier</u>



- Is-servizz tal-ilma u d-drenaġġ.
- Is-servizz tal-elettriku fit-toroq.
- It-telekomunikazzjoni.
- Is-servizz postali.
- Il-kalendarju liturġiku u l-attivitajiet reliġjużi fil-beraħ.
- Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju.
- Il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati
- Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqien rurali.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi, u s-*soft areas* inkluż it-tisqija (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant).
- L-għamara tat-toroq.
- Infurzar fuq permessi tax-xogħlijiet.
- *Noticeboards.*

<u>Roderick Caruana - Kunsillier</u>



- L-enerġija.
- L-Ambjent.
- Il-ħarsien tal-ġwiebi.

Sean Chircop - Kunsillier



- L-istorja u l-kultura.
- It-turiżmu.
- Il-premju *Ġieħ iż-Żejtun.*
- Ir-riabilitazzjoni u r-restawr.
- Il-ħarsien taż-żona urbana ta' konservazzjoni u skedar.
- It-tradizzjoniijiet folkoristiċi u d-djalett, inkluż l-identità Żejtunija.
- Il-konfini, il-periferija, in-numerazzjoni tal-bibien.
- L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.
- Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq.
- Sit elettroniku tal-Kunsill u żviluppar ta' mezzi godda ta' komunikazzjoni.
- Il-Librerija tal-Kunsill.

Stephanie Fenech – Kunsilliera



- L-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi.
- Ir-relazzjonijiet barranin u l-ġemellaġġi.
- Iż-żgħażagħ u l-isport.
- Youths @ local.
- Ħarsien tal-annimali.
- Medja.
- Saħħa, Sanita u promozzjoni ta' Trasport Alternattiv.
- It-Trasport Pubbliku.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.
- Ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija.
- It-taħriġ fit-teknoloġija tal-informatika.

## L-Impjegati tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu sitt impjegati, kif ġejjin:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Anton Falzon | Is-Segretarju Eżekuttiv |
| Angelo Caruana | Assistent Principali |
| Reuben Mamo | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Stefan Borg | Skrivan |
| Marthese Zahra | Skrivana |
| Ann Marie Borg | Skrivana |

Għandu wkoll seba' impjegati sekondati:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Frans Camilleri | Ħaddiem tal-*Heritage* Malta, assenjat mal-Kunsill |
| Vincent Grixti | Ħaddiem tal-IPSL, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Chetcuti | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Martin Cassar | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Frankie Spagnol | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Barbara | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Farrugia | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |

## L-Istruttura tal-Organizzazzjoni



Il-Kunsill ifassal il-politika kollha wara li jikkunsidra u jistħarreġ ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjonijiet, il-Kumitati jew is-Sottokumitati maħluqa minnu. Id-deċiżjonijiet jinbtu mill-Kunsill; is-Sindku u l-kunsillieri jaraw li jseħħu. Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, huma responsabbli mill-finanzi u r-rappreżentanza legali tal-Kunsill (Artikli 26 u 27).

L-irwoli tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarjat huma distinti minn dak tal-Kunsill. Is-Segretarju, li l-liġi tiddefinixxih bħala l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill (Artiklu 52), hu responsabbli li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni




L-Assistenti Prinċipali u l-Uffiċjali Eżekuttivi jipprovdu l-assistenza kollha meħtiega lill-Kunsill u jservu bħala l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku. Il-Kunsill għandu mpjegati miegħu tmien ħaddiema manwali biex ikunu jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol li, bosta drabi, ma jidħolx għalih xi kuntrattur.

Ix-xogħol ta' maniġer tal-kuntratti, li jieħu ħsieb il-kuntatti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur u jiċċertifika l-ħlasijiet taħt l-istess kuntratti, ħafna drabi jitwettaq mill-kunsillieri bla ħlas.

## Il-Laqgħat tal-Kunsill

Matul l-2019, il-Kunsill iltaqa' 15 -il darba. Bħas-snin preċedenti, l-attendenza u sehem kontinwu mill-kunsillieri ma naqsux, minkejja li jkollhom impenji oħra, avolja l-ħidma fil-Kunsill issir fuq bażi volontarja. Hawnhekk hawn it-tabella tal-attendenza tal-kunsillieri għas-sena 2019:



# Doris Abela, is-Sindku

## Introduzzjoni

Għaddiet sena oħra ta' ħidma u qegħdin inressqu r-rapport tagħna fejn nagħtu rendikont ta' x'wettaqna matul l-2019 kif ukoll nagħtu ħarsa lejn x'inhuma l-pjanijiet tagħna għas-sena li għandna quddiemna. Is-sena 2019 kienet ukoll is-sena tal-elezzjoni għall-Kunsilli Lokali fejn minn qalbi nixtieq nirringrazzja lir-residenti Żwieten tal-fiduċja tagħhom sabiex nerġa' inservi bħala Sindku għal dawn il-ħames snin li ġejjin. Din kienet xi ħaġa li mlietni kuraġġ biex inkompli naħdem ħalli flimkien nilħqu l-aspirazzjonijiet tar-residenti. Kien hemm xi tibdil fil-kompożizzjoni tal-kunsill, filfatt niżżi ħajr lill-exs kunsillier Joe Hales u Claude Camilleri, tal-kontriburt siewi tagħhom lejn il-komunita' Żejtunija matul is-snin li servew fil-kunsill. Minn naħa l-oħra nilqgħu lill-kunsilliera Gesmond Baldacchino u Roderick Caruana bħala kunsilliera ġodda għal din il-leġiżlatura.

Bla dubju ta' xejn, il-ħtiġijiet tal-lokal tagħna huma kbar u daqstant ieħor huma l-isfidi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Sfidi iżda li jtuna aktar kuraġġ sabiex naraw kif flimkien nistgħu negħlbuhom. Waħda mill-aktar problemi akuti li qed niltaqgħu magħha hija n-nuqqas ta' parkeġġ u nħoss li wasal iż-żmien fejn il-gvern ċentrali jrid jindirizza din il-problema u tingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex inkunu f'pożizzjoni li nwettqu proġetti ta' parkeġġi taħt l-art sabiex tittaffa din l-uġiegħ ta' ras. Minbarra allokazzjoni ta' fondi fl-infrastruttura tat-toroq, il-Gvern Ċentrali għandu jalloka wkoll fondi għall-parkeġġi taħt l-art. Waħda mill-proposti tagħna fil-Manifest Elettorali kienet li jsiru żewġ parkeġġi taħt l-art, wieħed Misraħ Wistin Abela u l-ieħor Misraħ is-Suq. Biex jitwettqu, hemm bżonn flejjes kbar u mingħajr l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali din il-proposta mhix faċli sseħħ.

## Nieħdu Ħsieb il-Patrimonju

Tkellimna u oġġezzjonajna għal żvilupp fuq art ODZ u binjiet storiċi bħal Villa Curmi fi Triq Sant'Anġlu u Villa De Fremau fi Triq il-Labour. S'issa jidher li fiż-żewġ każijiet li oġġezzjonajna ġibniha żewġ. Irridu nibqgħu nsemmgħu leħinna sabiex il-wirt storiku u kulturali li writna minn ta' qabilna, nibżgħu għalih u nkomplu nsaħħuh.

## PlakkaStorja

Ikkollaborajna flimkien mal-Għaqda Wirt iż-Żejtun fejn saru mas-60 Plakka Informattiva madwar postijiet storiċi fiż-Żejtun.



## Bandli Ġnien l-Għannejja Żwieten - Ġnien San Girgor

Il-familji Żwieten jixirqilhom li jkollhom spazji miftuħin fejn ikunu jistgħu jqattgħu ftit ħin m'uliedhom f'postijiet aktar moderni u siguri. Waħda mill-pjanijiet tagħna hija li nieħdu ħsieb nirranġaw u nsebbħu dawn l-ispazji pubbliċi. Bdejna bi Ġnien l-Għannejja Żwieten li kien ilu jinħass il-bżonn li jiġi mogħti dehra ġdida. Permezz ta' Fondi ta' Proġetti Kapital mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll fondi tal-Kunsill, sar dan il-proġett mill-isbaħ li jista' jitgawda minn kulħadd. Il-bandli ġie inawgurat fl-14 t'April 2019 u n-nefqa għal dan il-proġett laħqet is-somma ta' €95,600.

Qabel



Wara



## *Toilets* fi Ġnien L-Għannejja Żwieten

Inħass il-bżonn ukoll li jinbidlu t-*toilets* tal-ġnien fejn minbarra l-madum u s-settijiet tat-*toilets*, bdilna wkoll is-sistema tad-drenaġġ minħabba li kien ikollna ħafna problemi. Ġew installati CCTVs biex jiġi evitat vandaliżmu bla bżonn.

Qabel



Wara



## Ftehim ġdid ma' Żejtun Corinthians għall-*pitch* tal-5-*aside*

Sar ftehim ġdid bejn il-Kunsill u ż-Żejtun Corinthians FC, sabiex bl-għajnuna wkoll tal-MFA, il-ground tal-5-aside ġewwa Ġnien l-Għannejja Żwieten, jiġi rranġat u jinbidel it-*turf*. Xi ħaġa li għada kemm tlestiet f'dawn l-aħħar ġranet. Permezz ta' dan il-ftehim li sar bl-għajnuna tal-Kunsilliera Stephanie Fenech inkarigata mill-Isports, sar investiment sabiex jerġa jibda jintuża mit-tfal tagħna fil-ħin liberu tagħhom.



## Triq Gwiedi - Ottubru

Wieħed mill-pjanijiet tagħna huwa li nsebbħu ċ-ċentru tal-lokal tagħna, biex apparti li nkunu qed nagħtu dehra li verament jixraq, inkunu nistgħu nattiraw turisti lejn Beltna. Bdejna bi Triq Gwiedi fejn inbidlu s-servizzi tal-ilma u ngħata wiċċ ġdid bil-pavimentar tal-kubetti. Din hija l-ewwel triq ta' din ix-xorta u li qatt saret mill-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu. Wara konsultazzjoni mar-residenti, saru bollards fuq kull naħa tat-triq sabiex din tkun aċċessata biss mir-residenti f'kas ta' bżonn. Dan il-proġett li sewa lill-Kunsill €100,000, intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti ta' din it-triq li kienu ilhom snin twal jitolbu sabiex issir.

Qabel



Wara



## Triq Ħabel ix-Xgħir

Triq oħra li saret, fiċ-ċentru tal-lokal, kienet Triq Ħabel ix-Xgħir u s-sqaqien tagħha. Hawnhekk minbarra li nbidlu s-servizzi tal-ilma, sar pavimentar ġdid bil-*Printed Concrete.* Hawnhekk ukoll ikkonsultajna lir-residenti u bi qbil magħhom saru bollards fuq kull naħa tat-triq u ħallejna aċċess restrit biss għar-residenti f'kas ta' bżonn. Din it-triq, li wkoll kienet fi stat ħażin, intlaqgħet tajjeb mir-residenti u saret b'nefqa ta' €100,000 mill-fondi tal-Kunsill.

Qabel



Wara



## Parkeġġ taħt l-art f'Misraħ Wistin Abela

Bdejna bil-proċess u taħdidiet ma' entitajiet diversi dwar il-possibbilita' ta' parkeġġi taħt l-art. Wara diversi laqgħat li kelli ma' entitajiet differenti, fosthom il-Ministru Ian Borg u *Superintendence of Cultural Heritage*, dwar x'inhuma l-prijoritajiet, ingħatajna l-parir li l-ewwel għandna bżonn ta' *survey* tax-xelter li hemm taħt Triq San Girgor. Filfatt, ikkummissjonajna *surveyer* biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu għall-pass li jmiss. Waħda mix-xewqat tagħna hija li l-Gvern Ċentrali, minbarra li jalloka fondi għall-infrastruttura tat-toroq, jalloka wkoll fondi għall-parkeġġi simili. Dan fid-dawl li l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ saret waħda mill-ikbar uġiegħ ta' ras f'kull lokalita' madwar Malta. Mingħajr l-għajnuna tal-Gvern proġetti kbar ta' dan it-tip ma huwiex faċli li jitwettqu malajr.

## *Toilets* tal-Pjazza

Wara li lestejna t-*toilets* ta' Ġnien San Girgor inħass il-bżonn li jinbidlu wkoll il-latrini pubbliċi tal-pjazza. Kien jixraq illi wara x-xogħol ta' tisbiħ li qed isir fiċ-ċentru jkollna latrini aktar moderni. Inbidlu is-servizzi tal-ilma, s-settijiet tat-*toilets* kif ukoll sar madum ġdid biex issa ngħataw dehra ferm isbaħ. Ix-xogħol wasal biex jitlesta u dalwaqt ser jerġgħu ikunu miftuħin għall-pubbliku.

Qabel



Wara



## Bankini ġodda fi Triq San Girgor u Triq Felica Abela u xogħol ieħor ta' manutenzjoni

Qabel

Wara









Qabel



Wara



## Restawr tal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, Niċċa ta' San Ġużepp u Salvatur

Wara li fl-2018 tlesta l-ewwel ġenb tal-Knisja Parrokkjali, kien imiss li fl-2019 jibda x-xogħol fuq it-tieni ġenb tal-knisja li tlesta fl-aħħar tas-sena. Grazzi għall-Ministeru tal-Kultura, f'Ġunju ta' l-2020, ser ikun qed jibda l-aħħar fażi tar-restawr fuq il-faċċata, kif ukoll iż-żewġ kampnari biex finalment tkun kompluta.

Biex inkomplu fuq ir-restawr, bħalissa għaddejjin l-aħħar xogħlijiet fuq in-niċċa ta' San Ġużepp, li nittama li tkun lesta u inawgurata f'Marzu li ġej. Barra minn hekk, il-Kunsill applika għall-fondi oħra sabiex isir ir-restawr fuq barra tal-Kappella tas-Salvatur. Din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u nittamaw li ma ndumux ma naraw dan ir-restawr jibda wkoll.







## *GreenPak Proactive Local Council Award*

F'Ottubru l-Kunsill Lokali tagħna rebaħ it-titlu ta' *The Most Proactive Local Council Award* li jingħata kull sena mill-GreenPak. Barra minn hekk, ġejna nominati wkoll għall-*Outstanding Locality* kif ukoll *Most Innovative Locality Award.* Titli li jingħataw fuq il-ħidma li wettaqna favur l-ambjent bit-tħawwil ta' siġar, mural bit-tappijiet tal-plastik li jiġu riċiklati, tqassim tal-borża l-ħadra u oħrajn. Dan kollu jagħmlilna ġieħ u tixhed kemm il-ħidma kollettiva tkun qed tħalli l-frott.





## Inawgurata l-Berġa ġdida b'aktar servizzi

Fl-24 t'Ottubru 2019 ġiet inawgurata l-Berġa mid-Deputat Prim Ministru Chris Fearne. Minbarra li sarilha xogħol ta' tisbiħ u ristrutturar, ir-residenti tagħna issa qed jibbenefikaw minn aktar servizzi fosthom tal-Fiżjoterapija kif ukoll Podjatrija u fl-istess ħin jiffrankaw ħafna skariġġ billi issa jistgħu jinqdew fil-lokal tagħhom stess. Sakemm kien qed isir ix-xogħol fil-Berġa, ħdimna flimkien mas-CEO tal-*Primary Health Care,* Ms Roseanne Camilleri sabiex ir-residenti baqgħu jingħataw servizz minn ġewwa l-binja tal-kunsill, b'hekk ġie evitat ħafna inkonvenjent.



## Xogħol ta' manutenzjoni

Grazzi għall-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk u bil-għajnuna tal-President Paul Farrugia, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-ħajt li jdawwar Ġnien l-Għannejja Żwieten. Barra dan, sar ukoll ċint fi Triq San Girgor minħabba l-periklu li kien hemm għall-karozzi, kif ukoll ċint ieħor sabiex l-ilma tax-xita ma jkaxkarx il-ħamrija lejn id-djar tar-residenti fi Triq Mogħdija Żagħżigħa.

Barra minn dan, sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni mad-dawra tal-Ġnien Mikiel Anton Vassalli, grazzi għall-ħaddiema tal-FTZD mill-Ministeru għat-Turiżmu.

Qabel

Wara















## Tħawwil ta’ siġar fil-lokalita’ tagħna

Wara li s-sena l-oħra bdejna kampanja favur tħawwil ta’ siġar indiġeni fil-lokalita’ tagħna, ma kienx jonqos li s-sena 2019 tkun sena oħra tajba f’dan ir-rigward. Filfatt, fl-2019, tħawlu xejn inqas minn 400 siġra indiġena f’postijiet diversi fosthom Strejnu, Ġnien l-Għanneja Żwieten u ż-żona ta’ San Klement. Dan kollu grazzi għall-koppji żgħażagħ li jagħtu donazzjoni ta’ siġar fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom, individwi biex jikkommemoraw xi okkażjoni partikolari, l-Għaqda Wirt iż-Żejtun li ħawlu madwar 40 siġra u se jkunu qed jieħdu ħsieb it-tisqija tagħhom u fl-aħħar u mhux l-inqas lil *Infrastructure Malta* li ħawlu 230 siġra taċ-Ċipress fiż-żona ta’ Strejnu. Aħna mhux se nieqfu hawn u l-ħsieb tagħna hu li nkomplu nħaddru f’kull roqgħa li nistgħu, filfatt diġà qegħda f’taħdidiet ma’ *Infrastrucure Malta* u identifikajna żoni fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar.

Grazzi lil *Infrastructure Malta, Malta Business Registry,* Wirt iż-Żejtun, il-koppja Beverly / Nathan, il-koppja Elaine / Chris, Christian Attard u Anton Aquilina, li lkoll kemm huma kkontribwixxew għal dawn is-siġar.















## Żjara uffiċjali tal-President il-ġdid tar-Repubblika, George Vella

Ftit wara l-ħatra tiegħu ta' President ta' Malta, it-tabib George Vella, għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu f'raħal twelidu, iż-Żejtun, fejn ingħata merħba mill-isbaħ, bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet kollha Żwieten kif ukoll il-parteċipazzjoni taż-Żejtun *Scouts Group, Zejtun Girl Guides* u ż-żewġ Għaqdiet tal-Baned, is-Soċjeta' Mużikali Beland u l-Għaqda Banda Żejtun.





## *Green Infrastructure*

Bdejna proġett ieħor ġewwa Ġnien l-Għannejja Żwieten, din id-darba fiċ-ċentru tal-Ġnien, fejn ser issir *gazebo, turf* naturali kif ukoll bankijiet fejn wieħed jista jirrilassa ftit. Hemm il-ħsieb ukoll li nagħmlu librerija sabiex jibda jkun frekwentat u użat għal skop ta' qari wkoll. Dan il-proġett ser jiġi jiswa mal-€95,000 li €57,000 ser ikunu ġejjin minn fondi tal-*Green Infrastructure* - Mizura 19.2 tal-GAL Xlokk.





## *Embellishment* fil-*Housing Estate* ta' Ġebel San Martin

Ir-residenti tal-Qasam tad-djar fiż-żona ta' Ġebel San Martin kienu ilhom jilmentaw mit-telqa li kienu jinsabu fihom it-tlett blokok li hemm f'din iż-żona. Il-Kunsill ħass il-bżonn li jsir xogħol ta' manutenzjoni, liema xogħol sar mill-Kunsill bi spiża ta' madwar €15,000. Saru tiswija ta' ċnut, żebgħa, kif ukoll bankijiet ġodda li jistgħu jitgawdew mir-residenti.

Qabel






Wara





## *Bus Shelters*

Wara l-ftehim li għamilna mal-AKL u FACES, il-Kunsill se jkun qed jibbenefika minn kuntratt ġdid fejn il-*Bus Shelters* li għandna madwar il-lokal tagħna ser jinbidlu kollha biex jiġu aktar moderni. Filfatt bdejna bl-ewwel wieħed li jinsab fi Triq il-Labour. Qegħdin fil-proċess li nkomplu għaddejjin b'din il-ħidma, fejn fost oħrajn tlabna li l-*Bus Shelter* ta' Misraħ Karlu Diacono jiġi nstallat għal wieħed li jesa' ħafna aktar passiġġieri minn dak eżistenti.





## Destinazzjoni Ewropea ta' Eċċellenza 2020

Is-sena 2020 se tkun sena speċjali, fejn iż-Żejtun ġie magħżul bħala **Belt Turistika Ewropea ta' Eċċellenza għall-2020** mill-Unjoni Ewropea. Dan it-titlu ingħata għax-xogħol li l-Kunsill wettaq f'oqsma, bħal sport fil-komunita' u benesseri, promozzjoni turistika u attivitajiet kulturali. Permezz ta' dan l-*award,* iż-Żejtun se jkun qed jingħata promozzjoni turistika madwar l-Ewropa. Għal din l-okkażjoni, ħejjejna logo biex jintuża matul is-sena 2020, kif ukoll ħriġna kalendarju b'ritratti tal-lokal tagħna.

## Proġett Misraħ Karlu Diacono

Wara applikazzjoni li saret grazzi għall-*Malta Unesco Youth Assocation* - MUYA, il-Kunsill Lokali se jkun qed jibbenefika minn fondi li nieda l-Ministeru tal-Infrastruttura u Spazju Kreattiv. Permezz ta' dawn il-fondi, li jammontaw għal €30,000, qegħdin inħejju proġett flimkien mal-Perit, Rune Bo Jakobsen, sabiex nagħtu dehra isbaħ lil din il-pjazza f'Misraħ Karlu Diacono. Il-Perit Jakobsen iddisinja mudell ta' siġra taż-żebbuġ (*Olive Twist*) li hija sinonima ma' isem beltna. Se tkun magħmula mill-i*stainless steel,* u r-*roundabout* se tingħata dehra aktar moderna permezz ta' disinn ġdid u arti fuq ċeramika li ser tinħadem minn 3 artisti Żwieten, is-Sur Joe Baldacchino, is-Sur Clive Gerada u s-Sur Anthony Spagnol.



## Xogħlijiet min-naħa tal-Gvern Ċentrali

Minbarra xogħol Infrastrutturali li jsir mill-fondi tal-Kunsill, qed isir xogħol ieħor infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali u l-Aġenzija *Infrastructurre Malta* bħala parti mill-pjan tal-gvern li jieħu r-responsabbilta' tat-toroq f'idejh. Mingħajr din l-għajnuna, żgur li ma konniex se nkunu f'pożizzjoni li xi darba stajna nagħmlu toroq kbar bħal ma saru fil-lokal tagħna matul din is-sena. Filfatt, saru diversi toroq residenzjali kif ukoll rurali.

## Triq Taltas

Qabel



Wara



## Triq Toni Zahra

Qabel



Wara



## Triq il-Labour





## Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok - Mejju

Wara ħafna snin ta' stennija, minħabba l-istat diżastruż li kienet fih, din it-triq tlestiet u ġiet inawgurata mill-Prim Ministru Joseph Muscat fil-preżenza wkoll tal-Ministru Ian Borg. Din hija l-ewwel triq li saret mill-Gvern Ċentrali fejn saret korsija għar-roti u oħra għall-mixi li huma segregati miż-żewġ karreġġjati tal-karozzi. B'hekk tkun qed tagħti aktar sigurtà lil dawk ir-residenti li jiffrekwentawha. Dan il-proġett ġie jiswa lill-gvern €4 miljun.





## Zuntier - Ġunju

Iz-Zuntier tal-pjazza sar mill-Ministeru għax-Xogħlijiet u Infrastruttura bi spiża ta' 300,000. Sar xogħol ta' pavimentar ġdid bil-*lava rock* kif ukoll ġiet installata pompa tal-ilma sabiex tfakkarna propju fiż-żminijiet fejn propju fl-istess post kien hemm pompa li kienet tintuża mir-residenti biex jieħdu l-ilma. Il-proġett ġie inawgurat f'Ġunju mill-Ministru tax-Xogħlijiet u Infrastruttura l-Onor. Ian Borg.



Photo : DOI - Clifton Fenech



## Għeluq

Kif wieħed jista jara, sar ammont konsiderevoli ta' xogħol meta tikkunsidra n-nuqqas ta' riżorsi, kemm finanzjarji kif ukoll umani. Dan ix-xogħol kollu frott ta' ħidma ma taqta xejn favur ir-residenti u l-lokal tagħna, u li żgur jirrikjedi impenn u dedikazzjoni minn kull wieħed u waħda minnha. Barra dan kollu li jidher, isir bosta xogħol ieħor li għalkemm ma jidhirx, huwa daqstant ieħor importanti. Xogħol ta' ppjanar, laqgħat ma' entitajiet u preparamenti oħra li ma tistax twettaq proġett mingħajr ma tagħmilhom. Applikajna u ħadna diversi fondi li bihom stajna u se nkomplu nwettqu aktar proġetti għall-lokal tagħna.

Minkejja x-xogħol u l-familja dan kollu nagħmlu b'sens ta' responsabilita u mħabba lejn ir-residenti u l-lokal tagħna. Dan kollu ma jistax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna kollettiva ta' kulħadd. Nagħlaq billi nirringrazzja b'mod partikolari lis-Segretarju Eźekuttiv is-Sur Anton Falzon, tal-għajnuna kontinwa u d-dedikazzjoni tiegħu sabiex jara li l-pjanijiet tal-Kunsill jitmexxew il-quddiem. Grazzi wkoll lill-ħaddiema kollha klerikali , kif ukoll dawk manwali. Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja lil sħabi kunsilliera kollha tax-xogħol li jwettqu minkejja l-limitazzjonijiet, lill-Għaqdiet kollha Żwieten u r-residenti tal-appoġġ tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill. Ilkoll flimkien għal Żejtun isbaħ u aħjar !

# Joan Agius, il-Viċi-Sindku

## Introduzzjoni



**Sena oħra ħidma b'impenn u b'imħabba** lejn iż-Żejtun u ż-Żwieten. Dawn is-26 sena tawni sodisfazzjon personali li, minkejja x-xogħol *fulltime* u impenjattiv tiegħi, xorta waħda l-ħidma volontarja u l-inizjattiva favur il-komunita' Żejtunija qatt ma naqset.

Kienet sena oħra ta' ħidma soċjali u komunitarja bla waqfien flimkien mas-**Sotto Kumitat tiegħi, Żejtun *Kids Club*, Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat u 4 Jays Grupp Teatrali** fi ħdan is-sotto kumitat tiegħi.

Dan kollu huwa possibli għax jien dejjem nemmen fil-kapaċita' ta' kull wieħed u waħda minnkom.

Għalkemm id-dekasteri tiegħi naqsu, jiena xorta bqajt nagħti s-sehem tiegħi fejn hu possibli fosthom **Familja, Tfal, il-Manuċċa *Child Care Centre* u Żejt iż-Żejtun** għax dawn jibqgħu parti essenzjali għalija għax kont strumentali biex twaqqfu fil-komunita' tagħna u b'hekk qatt ma naqsu mill-ħidma tiegħi. Dan kollu qed issir wara l-ħin tax-xogħol, fejn il-ħin liberu qed niddedikah lill-komunita' Żejtunija. Ħidma produttiva li qiegħda issir fil-kwiet b'tant imħabba u b'kunfidenzjalita' kbira. L-attivitajiet bħas-snin l-imgħoddija immirati lejn il-Familja, Tfal u l-komunita' inġenerali barra l-attivitajiet tal-*Kids Club*, li qed isiru fuq bażi regolari kull nhar ta' Sibt.



Fil-qosor ser nagħti ftit informazzjoni fuq dawn l-attivitajiet li tista' tgħid kienu kollha edukattivi u ta' divertiment għall-familja kollha.

## Tfal



It-tfal minn dejjem kienu l-għan ewlieni tiegħi fejn nindukrawhom, nedukawhom u inkomplu ngħinuhom fl-iżvilupp u t-trobbija tagħhom.

Saru diversi attivitajiet fosthom:

- *Kids Club* Xitwa kull nhar ta' Sibt bejn is-2.30pm u l-4.30pm.
- *Kids Club* Sajf - 5.00pm - 7.00pm.
- Tfal Jaddottaw Anzjan/a.
- Tfal iżuru l-anzjani matul is-sena u jferħuhom bil-kant u l-logħob.
- Ħargiet Edukattivi u Kulturali.
- Tisjir għat-tfal.
- Ħjata għat-tfal.
- Korsijiet għat-tfal matul is-Sajf.
- Taqsim ta' figolli lit-tfal - *Easter Sunday.*
- Kant u żfin għat-tfal.
- Parties tal-Milied, *Easter, Halloween*, Karnival u l-Praċett.
- *Water Sports* fis-Sajf.
- Ħarġiet għaċ-Ċinema u Postijiet Edukattivi.
- Attivitajiet mal-*Petting Farm.*
- Żfin u Kant.
- Krafts.











**Pantomina 2019 - *Frozen - L-aktar Panto Cool* (Kitba u Direzzjoni ta' Andre' Mifsud - *KidsClub Leader* ta' 19 -il sena).**

Għal darb'oħra, il-Pantomima ġibdet numru kbir ta' udjenza miż-Żejtun u rħula oħra. Kien hemm ix-xewqa minn diversi persuni u s-surmast ta' l-iskola li din il-Pantomima tidħol fil-programm annwali tagħna. U hekk sar fejn din is-sena saret għal darb'oħra fl-iskola Primarja B taż-Żejtun. Grazzi tmur lis-Sur Edmond Pace li rega' tana ċ-ċans naħdu fl-iskola tiegħu. Din is-sena għandi pjaċir ngħid li tajna **€1,000 donazzjoni lill-Fondazzjoni Nazareth taż-Żejtun**. U grazzi bis-saħħa tal-**Ministru Owen Bonnici u l-*Art Council*** irranġajna il-palk tal-iskola Primarja B fejn infaqna **€1650 fil-purtiera u d-dawl ta' l-i*stage.***

## Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun

Din is-sena wkoll, għandi l-pjaċir inkompli ngħid li l-ħolma tiegħi saret realta', fejn diversi tfal attendew fil-**Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun**. Hawn nixtieq ngħid ukoll li ċ-ċentru tagħna laħaq livell għoli, li dan qed jiġi apprezzat minn kulħadd, kemm mid-Dipartiment Edukattiv, kif ukoll dak Soċjali. Dan kien proġett ambizzjuż, li l-għan tiegħu kien li jkun post ta' għajnuna għal dawk in-nisa u l-irġiel li jixtiequ jħallu lit-tfal tagħhom f'post ċentrali sigur u sabiħ sakemm huma jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol jew bl-istudju tagħhom.

Kienet bidu tas-sistema *free child care* bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali fejn diversi ġenituri qed jibbenifikaw minn din is-sistema. Dan iċ-ċentru qed iħalli madwar **€36,000 dħul fis-sena lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun**.

Għal-ħames sena, dan il-*Child Care Centre* qed jitmexxa mill-Fondazzjoni li jiena *manager* tagħha fuq bażi volontarja ukoll. Illum iċ-Ċentru qed jilqa' madwar 41 tifel u tifla u jħaddem 9 nisa, 2 fuq bażi *full time* u 7 *part timers*. Din is-sena ukoll sar l-*audit* tiegħu għax għal darba oħra s-Sindku talbet dan u b'wiċċi minn quddiem ngħid li ħrigt b'unuri għax għal sena oħra kien suċċess u qed jitmexxa b'mod tajjeb u trasparenti kif kien mit-twaqqif tiegħu.





## Familja



Il-familja wkoll għandha posta fil-ħidma tiegħi. Hawn ma naqsux l-attivitajiet matul is-sena li kienu:

- Diversi Korsijiet għal kulħadd.
- *Recreation Activities - Weekend Breaks.*
- *Dinner Dances.*
- Mixjiet fil-Kampanja.
- Jum il-Mara.
- Jum l-Omm.
- Jum il-Missier.
- Żjarat f'diversi postijiet ta' interess.
- Diversi *films* u *coffee breaks.*
- Għajnuna Soċjali.
- Ġurnata *Etna Land* ġewwa Sqallija.
- Ġurnata *Theme Park* ġewwa Sqalija.
- Ġurnata *shopping* ġewwa Catania, Sqallija.
- Ġurnata oħra ħarġa Kulturali ġewwa Sqallija.
- Ġurnata Kemmuna fuq il-*Horn Blower.*
- Żjara Kulturali.
- Żjarat ġo Għawdex fis-Sajf u fix-Xitwa.
- Karnival tan-Nadur - Għawdex.
- Ħarġa bit-*Taxi Boat* bejn Bormla, il-Belt Valletta u tas-Sliema.
- Tqassim tal-boroż il-ħodor.
- Żjara ta' vari f'Ħamis ix-Xirka.
- Żjarat lill-anzjani.
- GAL Xlokk.
- Programm - Għaqal Id-Dar.
- Korsijiet tal-*First Aid.*







U għall-ewwel darba, organizzajna ***Cruise* fuq il-*Mein Schiff*** għar-residenti Żwieten. Kienu diversi persuni li attendew u ħadu gost tant li talbuni biex nerġa norganizzaw ieħor għas-sena 2020.

## Saħħa

Is-saħħa wkoll hija importanti, fejn bħas-snin l-imgħoddija, komplejna inwasslu kull tagħrif importanti lir-residenti tagħna.

Biss din is-sena kelli ix-xorti naħdem mad-Dipartiment tas-Saħħa fl-ewwel ftit xhur biss, fejn kont strumentali sabiex issir manutenzjoni u tisbieħ tal-Berġa tagħna għax f'Lulju din ir-responsabbilta' ġiet mogħtija lil ħadd ieħor.

## Ċentru Arti u Artiġjanat



L-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun kompliet l-għan ewlieni tagħha, fejn diversi għalliema fl-artiġjanat, għannejja, kittieba, atturi u oħrajn, qed jagħtu kontribut liż-Żejtun f'diversi okkażjonijet flimkien, biex ikomplu jsaħħu l-identita' tagħna iż-Żwieten.

Din is-sena għat-tielet darba ħadna sehem fil-festa ta' San Girgor fejn membri mis-Sotto Kumitat tagħna u l-*Kids Club* libsu l-ilbies tradizzjonali. Ħadu sehem ukoll fid-defile' fejn laqgħu l-korteo tal-kleru fuq iz-zuntier parrokkjali ta' Santa Katarina. Wara kien hemm l-ikel kif ukoll logħob u xogħol tradizzjonali Malti fiż-Żona ta' San Girgor.

## GAL Xlokk

Għal diversi snin bħala **membru fil-Board GAL Xlokk,** qed nagħti s-sehem tiegħi favur xogħol fejdieni għaż-Żejtun fejn qed iħeju diversi proposti fit-tfassil tal-miżuri ġodda fil-pjan ta' strateġija dwar Regoli Operattivi għall-programm 2017-2022 sabiex issir referenza fis-sottomissjonijiet. Jiena nieħu ħsieb ukoll li nara li kemm il-kunsill kif ukoll għaqdiet oħra fiż-Żejtun jieħdu fondi mill-GAL Xlokk.

## *Housing*

Komplejt nagħti s-sehem tiegħi lil diversi residenti Żwieten li joqogħdu fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern f'Ħal Tmin, Ta' Ganza u Ġebel San Martin. Għalkemm mhux responsabbilta' diretta tagħna, komplejt inkun il-vuċi tagħhom sabiex inkomplu ntejbu il-ħajja tagħhom, kif ukoll l-ambjent li qed jgħixu fih.

Din is-sena beda x-xogħol fuq żewġ binjiet oħra - Binja Ġ u oħra ġewwa Ħal Tmin. Jiena bħala kunsilliera responsabbli mill-*Housing* kont qed insegwi u ngħin lil dawn ir-residenti bħal ma kont nagħmel għal diversi snin. Pero din ukoll m'għadiex responsabbilta' tiegħi minn ftit xhur ilu. Għalhekk issa ser jieħdu ħsieb kunsilliera oħra fuq il-ħidma li kont ili naħdem fuqha.

## Żejt iż-Żejtun - 13 -il Edizzjoni

Attivita' oħra - Żejt iż-Żejtun kienet suċċess ieħor. Din saret festa folkloristika oħra mfittxija miż-Żwieten u l-Maltin kollha. Nista' ngħid li minn xhur qabel ikolli diversi talbiet sabiex diversi nies jieħdu sehem. Din saret festa nazzjonali, tant li anke minn barra minn Malta jkollna rispons tajjeb ħafna. Din is-sena wkoll, għall-ewwel darba, kellna 17 il-kumpanija folkloristika barranija li ħadu sehem f'dan il-festival folkoristiku ma' diversi għaqdiet oħra Maltin. Nista' ngħid li kienet suċċess ieħor. Waqt il-wirja annwali ta' Żejt iż-Żejtun, fakkarna ukoll l-artist Żejtuni, Nenu Delia, li kien għadu kif ħalla din id-dinja.







## Għeluq

Fil-qosor tajt ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet tiegħi għal din is-sena. Sena oħra b'ħidma kbira b'risq iż-Żwieten. Grazzi mill-ġdid tmur lis-Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon, Angelo, Reuben, Stefan, Marthese, Ann Marie u l-ħaddiema manwali għall-għajnuna tagħhom.

Ngħid grazzi wkoll għall-fiduċja li dejjem sibt mis-Sotto Kumitat tiegħi, diversi ġenituri, għalliema, *leaders* u *helpers* oħra fil-*Kids Club* u liż-Żwieten kollha.

J'alla din is-sena tkun aħjar minn din li kellna.

***Grazzi lil kulħadd.***
***Joan Agius***
***Viċi Sindku***

# Amanda Abela

Fil-bidu ta' din il-leġislatura ġew afdati lili dekasteri ġodda fosthom l-Eko-Konformita'. F'nofs Settembru, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ipparteċipa fil-ġimgħa ddedikata għal ***Clean Up the World.***

Propju fil-15 ta' Settembru, flimkien mal-Kunsilliera Stephanie Fenech, membri ta' l-i*scouts*, membri minn Wirt iż-Żejtun u l-komunita' Żejtunija, morna fiż-Żona ta' Ġebel San Martin fejn hemmhekk ġbarna ħafna oġġetti li sfortunatament jintremew minn nies f'żoni fejn mhux suppost jintrema' skart, minflok li dan l-iskart jintrema' fil-*bins* u *Bring-In Sites* li hemm apposta fil-madwar.

F'madwar sagħtejn, jien u dawk li tajna daqqa t'id f'din l-inizjattiva, ġbarna 22 borza ta' skart kif ukoll imlejna skip bi skart goff. Meta tqis li ż-żona li konna fiha kienet waħda relattivament żgħira meta kkomparata maż-Żejtun kollu, wieħed jifhem li fadal ħafna xi jsir fejn jidħol tagħlim f'dan ir-rigward u bħala Kunsill Lokali għandna nkunu kommessi li nibqgħu naħdmu mhux biss biex inqajmu *awareness,* iżda wkoll nedukaw liċ-ċittadin ħafna aktar.







Il-ħidma tiegħi fl-Eko-Konformita' wasslet sabiex fil-ġranet ta' Novembru u Diċembru fil-bini tal-Kunsill, ilqajna nies li kellhom tappijiet tal-plastik biex b'hekk ipparteċipajna fl-inizjattiva **Nirriċikla għall-Istrina - Kull Tapp jgħodd!** Din hija inizjattiva li l-Kunsill Lokali jista' jibqa' għaddej biha s-sena kollha sabiex ngħinu fil-ġbir tal-plastik, li huwa wieħed mill-aktar oġġetti diffiċli biex jiġi riċiklat, kważi kważi wieħed jista' jgħid li dan huwa impossibbli.




Kienet ukoll sena fejn wassalt l-ilmenti kif ukoll is-suġġerimenti tan-nies biex ir-resident iħossu moqdi kif ukoll biex flimkien bħala Kunsill dejjem naħdmu għal-ġid tar-resident.

# Gesmond Baldacchino

## Introduzzjoni

F'din l-ewwel esperjenza relattivament qasira fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, irnexxieli namalgama sew fi ħdan il-Kunsill bi staff impekkabbli personali li għenuni nsib sieqi sabiex nibda nwettaq il-ħidma b'risq iż-Żejtun.

## Parkeġġi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'

Wieħed mid-dekasteri li ġejt inkarigat minnu huwa l-parkeġġi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'.

Ta' min wieħed jgħid li dan il-qasam huwa delikat ħafna minħabba li fih iffaċjajt persuni min b'diżabilita' severa u min b'anqas, li huwa żgur li huma nies vulnerabbli fis-Soċjeta'.

Meta dħalt fid-djar tan-nies sabiex inkun nista' nevalwa, aħna bħala Kunsill Lokali obbligati li nagħmlu minn entitajiet Governattivi, bħal Transport Malta, stajt nidħol fiż-żarbun tal-individwu u stajt inkun iktar preċiż fir-rapport li ridt inħejji. Id-deċiżjonijiet kienu varji min-naħa ta' Transport Malta, pero' il-maġġoranza tal-każi marru favur ir-resident. Kellna wkoll deċiżjoniet, li anke wara li assistejna lil individwu għall-appell, dawn ġew riveduti mid-deċizjoni li kienu marru kontra. Meta jigi approvat parkeġġ u jsir, ikun hemm ukoll residenti li joġġezzjonaw.

Aħna, bħala Kunsill, noqogħdu attenti ħafna sabiex innaqqsu kull inkonvenjent, pero wieħed irid jifhem li sabiex dik il-kaxxa riservata tkun saret, kien hemm proċess ta' skrutinju li ma jħares lejn wiċċ ħadd ħalli din issir. Dan hu proċess twil li jibda mis-CRPD (*Commision for the Rights of People with Disability*) li fih ikun hemm rapport dettaljat mediku u rapport min TM *(Transport Malta).*






## Ħarsien tal-Ġonna Pubbliċi

Responsabbilta' oħra f' idejja hija s-sorveljanza għall-ħarsien ta' Ġonna Pubbliċi li għandna ġewwa ż-Żejtun fosthom:

- Ġnien il-Qawsalla.
- Ġnien Brejġu.
- Ġnien iċ-Ċrieki.
- Misraħ Mikiel Anton Vassalli.

Dawn il-ġonna pubblici, li tnejn minnhom jinkludu wkoll *playing fields,* jirrikjedu manutenzjoni u ħarsien, l-aktar wara li jsiru xi atti vandali minn xi individwi rreponsabbli.

Għalhekk, jien nieħu ħsieb li dawn jinżammu fi stat tajjeb u nadif, speċjalment meta s-siġar tal-madwar jibdew iwaqqgħu l-weraq staġjonali.

Il-manutenzjoni tirrikjedi wkoll id-dawl ipprovdut għal meta jidlam. F'dan is-settur, insib kooperazzjoni kbira mill-Kunsillier, is-Sur Raymond Caruana, li flimkien nieħdu l-azzjonijiet meħtieġa ħalli kollox jibqa ta' livell adekwat.

Nieħu ħsieb ukoll li dawn is-siġar isirilhom ż-żbir meħtieġ sabiex is-siġar jinżammu fli stat li jixirqilhom u fl-istess ħin jagħmlu x-xogħol bżonnjuż li jipprovdu lill-ambjent. Huwa xieraq ukoll li r-residenti li jiddeċiedu li jqattgħu ftit ħin liberu f'dawn il-postijiet, ikunu addatati sabiex jirrilissaw mingħajr l-ebda periklu għal min jiffrekwentahom.





## Sorveljanza tal-Latrini Pubbliċi

Dekasteru iehor li nieħu ħsieb huwa dak tas-sorveljanza tal-latrini pubbliċi.

Fiż-Żejtun għandna 3 latrini pubbliċi li jinsabu:

- Ġnien l-Għannejja (Ġnien San Girgor).
- Misraħ is-Suq.
- Misraħ ir-Repubblika (fil-pjazza taħt iz-zuntier, maġenb il-Knisja Parrokjali).

Huwa fid-dmir tiegħi li nissorvelja tnejn minn dawn il-latrini, dik ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten u dik ta' Misraħ is-Suq. Nara li dawn jinżammu fi stat nadif u addattat sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda bl-aħjar mod t'iġjene possibli. Il-latrina li tinsab f'Misraħ ir-Repubblika wasslet fil-fażi finali sabiex tigi inawgurata mill-ġdid wara li nbidel kollox kompletament u saret latrina tal-għola livell li wieħed jistenna fiż-żminijiet tal-lum.

B'dispjaċir ikolli ngħid li minn żmien għal żmien, jinbtu gruppi ta' nies li ma jagħmlux ġieħ lis-Socjeta' tagħna peress li dawn jiġu jqumu, bil-vandaliżmu li jwettqu u li wieħed ma jimmaġinax li għad fadal nies irresponsabbli ta' din il-kwalita'. Il-bżonn li jiġu nstallati CCTV's aktar ma jgħaddi ż-żmien, qiegħda tinħass il-ħtieġa tagħhom sabiex jiġu issorveljati dawn il-ġonna pubbliċi wara li jkunu ntefqu ħafna flus sabiex dawn jinżammu fi stat adekwat.





## Is-Suq fil-Beraħ

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak ta' Suq fil-Beraħ. Għalkemm dan id-dekasteru ta' Suq fil-Beraħ mistenni li jgħaddi f'idejn il-Gvern fi ftit żmien ieħor, xorta waħda għamilt żjarat fuq il-monti sabiex nisma problemi li jiffaċċjaw ta' kull nhar ta' Erbgħa l-bejjiegħa. Ilmenti jkun hemm ukoll min-nies li jiffrekwentaw dan il-post. Għalkemm mhux dejjem ikun possibli li l-ilmenti li jiġu mressqa jkunu sostnuti, dejjem nipprovaw insibu kompromess sabiex flimkien insibu soluzzjoni.

Wara eżercizzju li għamilt flimkien mal-bejjiegħa tal-monti rigward il-vijabilita' huwa jekk għandux imqar darba fix-xahar, il-monti jibqa' armat nhar ta' Erbgħa sa l-erbgħa u nofs ta'

wara nofs inhar. Din il-proposta niżlet tajjeb ħafna mal-maġġoranza tal-bejjiegħa. L-intopp li għad fadal huwa li tinstab soluzzjoni għal dawk il-bejjiegħa li m'humiex interessati li jibqgħu armati wara nofsinhar peress li dawn ikunu jridu jżarmaw waqt li bejjiegħa oħra jkunu armati.



## *Housing Estates*

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tal-*Housing Estates*, fejn fiż-Żejtun għandna 3 żoni li huma Ġebel San Martin, Qasam ta' Ħal Tmiem u Qasam ta' Ganza.

F'dan iż-żmien qasir li ġie fdat lili, qiegħed niltaqa' mal-amministraturi tal-Blokok li jieħdu ħsieb il-binjiet rispettivament. F' din l-ewwel parti, li qiegħed nagħmel huwa li niltaqa' mal-amministarturi ta' Ġebel San Martin, fejn dawn qegħdin jgħarrfuna b'xi nuqqasijiet li għandhom u li aħna bħala Kunsill Lokali nistgħu nkunu ta' sostenn għalihom. Ovvjament, għad fadal ħafna xi jsir fejn ser nerġgħu nqajmu l-bżonn mal-Aworitajiet tal-*Housing,* sabiex f' dawn il-blokok isiru l-kmamar tal-arloġġi tal-ilma fuq barra tal-binja mill-aktar fis possibli sabiex jiġu evitati incidenti fatali li wieħed jaf x'jista' jiġri peress li s'issa l-arloġġi tal-ilma qegħdin eżatt fil-kamra tal-*meters* tad-dawl u f'periklu kontinwu .

## Konklużjoni

Barra minn dawn l-affarijiet fdati lili mis-Sinjura Sindku, Doris Abela, dejjem nipprova nkun ta' għajnuna għaċ-ċittadin Żejtuni f'dak li jkollu bżonn. Dan kollu jsir sabiex b'sinerġija ma' sħabi l-Kunsillera kollha, ngħinu lil xulxin sabiex nippruvaw nagħmlu l-ħajja tal-poplu Żejtuni aktar faċli u rispettabli.

# Dorcas Camilleri

## Introduzzjoni

Din kienet it-tieni sena tiegħi bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. L-2019 kienet sena mpenjattiva f'dawk li għandhom x'jaqsmu mad-dekasteru tal-anzjani u persuni b'diżabilita'. F'din is-sena wkoll, grazzi tas-Sinjura Sindku, tagħtni wkoll ir-responsabbilita' tal-edukazzjoni. L-għan tal-attivitajiet u sessjonijiet li se jiġu msemmija huwa li nkomplu nħeġġu lil anzjani u persuni b'diżabilita' jintegraw aktar fis-soċjeta' filwaqt li nħeġġu l-istudenti jżommu ruħhom aġġornati fil-qasam edukattiv.

## L-Għid il-Kbir

Nhar l-Għid il-Kbir sar it-tberik tal-figolli mill-Arċipriet Dun Nikol Pace waqt il-purċissjoni tal-Irxoxt. Residenti minn Fondazzjoni Nazareth, kif ukoll membri mill-Grupp Mattew 25, ħadu sehem f'din l-attivita'.





## Jum l-Omm

Għal jum l-omm, f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żejtun, kull anzjana ġewwa d-dar tal-anzjani, kif ukoll dawk li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum, ingħataw fjura kull wieħed bħala turija ta' rispett.





## BBQ b'risq in-nies b'diżabilita' fil-Bajja ta' San Tumas

Fis-17 ta' Lulju 2019, sar BBQ ġewwa l-Bajja ta' San Tumas għar-residenti tal-Fondazzjoni Nazareth kif ukoll għall-membri ta' Mattew 25 fejn f'din l-attivita' kellhom l-opportunita' li jgħumu. Din is-sena wkoll nixtieq nirringrazzja lil Peppi Primavera li pprovdilna l-ikel għal waqt din l-attivita'.







# Nominazzjoni



### Premju Anzjanita' Attiva

Persuna li ġiet innominata kienet is-Sinjura Lorenza Bonvia għall-premju tal-anzjanita' attiva għax-xogħol siewi li tagħmel b'risq il-komunita' Żejtunija b'mod volontarjat. Is-sinjura Lorenza Bonavia minkejja li kienet ta' għajnuna għal diversi familjari, għamlet ukoll 30 sena fil-komunita'

Neokatekumenali. Apparti minn hekk, hi attiva wkoll fil-qasam ta’ xogħlijiet relatati mal-knisja. Hija tieħu ħsieb ukoll ħafna mill-ispejjeż finanzjarji; wieħed ma jistax jinsa’ id-donazzjonijiet kbar li għamlet b’risq il-knisja u l-komunita’ fosthom qanpiena ġdida, l-arka tal-patt kif ukoll linfa ġdida. Fl-aħħar u mhux l-inqas hija tifforma wkoll parti mill-Għaqda tal-Armar.
Dan kollu dejjem għamlitu b’imħabba kbira u dedikazzjoni, għax bħala persuna hi tħobb tferraħ lil ta’ madwarha u għaliha dan ikun ta’ sodisfazzjon.

## Jum Dinji għall-Persuni B’Diżabilita’



B’kollaborazzjoni mal-Parroċċa, f’din l-okkażjoni saret quddiesa bis-sehem tar-residenti tad-djar ta’ Fondazzjoni Nazareth u l-membri tal-Grupp Mattew 25. Wara kien hemm riċeviment fl-Oratorju biex l-istess membri u residenti jkollhom l-opportunita’ li jqattgħu ħin flimkien. Grazzi kbira tmur lill-*helpers* u l-*carers* kollha tal-għajnuna tagħhom li nsib waqt dawn l-attivitajiet tul is-sena kollha.





## Tan-Nanna Ħelu Manna



Fis-7 ta’ Diċembru saret l-ewwel edizzjoni 'Tan-Nanna Ħelu Manna' organizzata mis-segretarjat tas-Sur Anthony Aguis Decelis. F’din il-kompetizzjoni, ħadu sehem in-nanniet flimkien man-neputijiet tagħhom. Fost il-parteċipanti kien hemm ukoll Żwieten, fejn il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ħa ħsieb li jipprovdi s-servizz tat-trasport. Għandna l-unur li waħda mill-parteċipanti Żwieten klassifikat mal-aqwa għaxra fil-kategorija tal-*‘Christmas Log’.*





## L-Edukazzjoni

Għall-ewwel darba ġejt mogħtija dan id-dekasteru. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Claude Camilleri li għal tul ta' snin ta servizz tiegħu f'dan il-Kunsill u kien responsabbli mid-dekasteru tal-edukazzjoni. Tul din is-sena kien hawn diversi korsijiet u taħriġ fosthom:

- *Lifelong Learning.*
- *Robotica u Coding.*
- Klassijiet ta' reviżjoni tul is-Sajf (Malti, Ingliż u Matematika).

## Illiteriżmu u Korsijiet oħra

Flimkien mal-istitut Paolo Freire, u bl-għajnuna tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ġew organizzati lezzjonijiet tal-qari kif ukoll fil-kitba tal-Malti u l-Ingliż. Ta' dan nixtieq niżżi ħajr lil Fr. Edgar tal-għajnuna tiegħu.

## Librerija Ġużeppi Pulis Montebello

Din is-sena l-Kunsill Lokali ta l-ammont ta' €600 f'kotba lil din il-librerija. Dawn il-kotba nxtraw kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. Tul l-istess sena, l-istess librerija kklassifikat fl-10 post fuq self ta' kotba. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Miriam Marsh tas-servizz tagħha.

## Żejt iż-Żejtun

Ta' kull sena tiġi ċċelebrata Żejt iż-Żejtun. Għall-ewwel darba, l-istudenti ta' Skola Sajf ġew inkoraġġuti biex jagħmlu arti relatati ma' din il-festa. B'dawn ix-xogħlijiet saret wirja fiż-żona ta' San Girgor. Il-parteċipanti kollha ġew mogħtija ċertifikat b'ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tagħhom. Fl-istess attivita', it-tfal kellhom l-opportunita' li jpenġu stampa relatata maż-Żejt taż-Żebbuġ. Tul din l-attivita', nixtieq nirringrazzja lil dawk it-tfal kollha li taw l-kontribut tagħhom. Nistgħu ngħidu li għall-ewwel darba li saret din kienet ta' suċċess.






## Sessjonijiet mas-Sindku

Fit-28 t’Ottubru u 18 ta’ Novembru, studenti tar-raba' sena tal-iskola Primarja B taż-Żejtun, żaru l-Kunsill Lokali biex jiġbru aktar informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill u fuq iż-Żejtun inġenerali. Tul dawn is-sessjonijiet, l-istudenti kellhom l-opportunita’ li jistaqsu direttament diversi mistoqsijiet lis-sinjura Sindku. L-informazzjoni kollha li ġabru kienet ta’ għajnuna għalihom għall-proġett li kellhom tal-Istudju Soċjali.




## *Nature Trust*



B'kollaborazzjoni mal-iskola Primarja B taż-Żejtun, fl- 20 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali taż-Żejtun organizza sessjonijiet għall-istudenti kollha tar-4, 5 u 6 sena. F'dawn is-sessjonijiet kellna rappreżentanta min-*Nature Trust* fejn waslet informazzjoni rigward 'Marine litter'. Tul dawn is-sessjonijiet, it-tfal kellhom ukoll l-opportunita' li jitgħallmu kif wieħed għandu jibża' għall-ambjent, b'mod speċjali fejn jidħol skart. Fl-aħħar u mhux l-inqas, ħarġet ukoll l-importanza ta' kif wieħed jista' jnaqqas l-użu tal-plastik. Barra minn hekk, is-sala tal-iskola kienet imżejna b'arti ta' tfal stess, li dawn saru mill-istudenti ta' Skola Sajf.









## Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq dan ir-rapport billi nibda nirringrazzja lill-familja tiegħi tal-appoġġ, lis-Sinjura Sindku Doris Abela u lil sħabi Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon kif ukoll lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill tal-għajnuna u s-sapport kontinwu tagħhom.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-poplu Żejtuni tas-sapport u l-apprezzament tagħhom għax-xogħol siewi li jsir fih dan il-Kunsill Lokali.

# Raymond Caruana

Sena oħra ta' ħidma li għaddiet bħal leħħa ta' berqa li ssarfet f'ħafna xogħol utli għal dan ir-raħal tant sabiħ taż-Żejtun. L-ewwelnett, nixtieq minn qalbi nirringrazzja lis-Sinjura Sindku, Doris Abela, għal kull sapport kollu li tagħtini biex inkun nista' naħdem bla qatigħ għall-ġid taż-Żwieten u l-komunita' taż-Żejtun. Kienet sena impenjattiva ħafna fejn jidħol ix-xogħol li għandi f'dan id-dekasteru. Il-ħidma tiegħi tikkonsisti fuq servizzi, bħal elettriku domestiku, drenaġġ, ilma, servizzi postali u ħidma bejn il-Kunsill u l-knisja rigward iċ-ċimiterju u attivitajiet relatati mal-knisja, bħal purċissjonijiet. Apparti minn dawn l-affarijet, din is-sena gejt afdat li nagħmel xogħol ieħor, fosthom: il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati, il-knis u t-tindif tat-toroq inklużi l-isqaqien rurali, it-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant) kif ukoll is-*soft areas* inluż it-tisqija. Nieħu ħsieb ukoll l-għamara fit-toroq, bħal m'huma tabelli u affarijiet oħra li jsebbħu t-toroq, *notice boards* u fl-aħħar u mhux l-inqas, infurzar fuq permessi tax-xogħlijiet.

Din is-sena kienet waħda impenjattiva għax kellna bosta ħsarat fejn jirrigwarda dawl ta' barra, fejn ta' kuljum nirrapporta qtugħ ta' bozoz, li jkunu mal-arbli, kif ukoll mal-ħajt u anke' fanali dekorattivi li għandna imxerrdin ġewwa bosta toroq ġoż-Żejtun.



***Triq il-Ħaddiema***



***Blk. A, Qasam ta' Ganza***

L-ikbar spiża li seta' jkollna din is-sena kienet tirrigwarda l-ħsarat estensivi kkawżati mill-maltemp tal-istaġun tax-Xitwa. Din il-maltempata kkawżat ħafna danni, li l-ammonti l-kbar kienu jikkonsistu fi qtugħ ta' bozoz minħabba r-riħ u x-xita li jaqilgħu. Barra minn hekk, żidna ħafna bozoz ġodda f'partijiet mir-raħal minħabba li kien hemm abbuż u nuqqas kbir ta' dawl. Waħda mit-toroq li sarilha dawl ġdid hija Trejqet l-Industrija, li tinsab fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok (taċ-Ċawsli) li tagħti għall-fabbriki ta' Bulebel.

Barra minn hekk, nixtieq ngħid li barra li kont nirrapporta jien, kienu jirraportaw ukoll ir-residenti nfushom, billi jgħaddu ir-rapport lis-segretarji tal-*customer care* li għandna ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill. U minn hawnhekk, nixtieq insellem u nirringrazzja b'mod speċjali, lill-ħaddiema tagħna tal-*customer care* u anke l-amministrazzjoni, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għall-impenn tagħhom u x-xogħol dedikat li huma jagħmlu. Dan qiegħed ngħidu għax l-ilmenti u r-rapporti tal-pubbliku, iridu jgħadduhom huma minn fuq is-sistema kompjuterizzata biex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol.

Nixtieq ngħid ukoll li saru ħafna tiswijiet fuq lampi li kienu qodma fejn inbidel il-kompartiment kollu kif ukoll ingħatat dehra totalment differenti fit-toroq taż-Żejtun. Din is-sena wkoll, erġajna qegħdin induru l-fanali li għandna tal-isqaqien minħabba li għandhom bżonn iż-żebgħa kif ukoll kellna nibdlu xi ħġieġ imkisser. Barra minn dan, saru ħafna xogħlijiet fuq arbli li għandhom x'jaqsmu mal-*Enemalta.*



***Triq Sir Paul Boffa***



***Triq l-Isqof Ferdinand Mattei***

Nixtieq ukoll nirringrazzja b'mod speċjali lis-Sur Joe Borg tan-*Nexos Lighting* u l-ħaddiema tiegħu, li huwa l-kuntrattur li jibdel u jirranġa s-sistema tal-elettriku fuq barra għax-xogħol tajjeb u utli li jsir, għax dan isir fl-inqas żmien possibbli għall-ġid tar-residenti. Qegħdin jitwaħħlu bozoz ġodda anke fejn kien hemm żoni li kellhom nuqqas ta' dawl u fil-futur qed nikkonsidraw li nwaħħlu iżjed, skond il-bżonn li jeħtieġu r-residenti.

Nixtieq nirringrazzja wkoll b'mod speċjali lill-ħaddiema kollha tal-*Enemalta,* għax b'mod professjonali kienu ta' għajnuna wkoll meta kellna partijiet miż-Żejtun bla dawl minħabba ħsarat. U qed ngħid dan għaliex ħadmu bl-aktar mod effiċjenti u fl-inqas ħin possibbli biex il-provvista terġa' tiġi għan-normal. Apparti dan, ix-xogħol li għandi fid-dekasteru li jien ġejt fdat bih, parti mill-ħidma tiegħi kienet li nieħu ħsieb iktar it-tindif u l-manutenzjoni fit-toroq, li hija waħda mill-ikbar uġigħ ta' ras li jkollok biex tħalli raħal nadif u teduka lin-nies kif għandhom jarmu. Sfortunatament, qed ikollna ħafna rapport ta' rimi ta' skart li jintrema' bl-

addoċċ u jkun ta’ detriment għal min joqghod fl-akwata. Nappella għal aktar prudenza u tolleranza lejn xulxin biex kemm jista’ jkun inħallu nadif madwarna. Apparti minn hekk, qed nagħmel minn kollox biex jitnaqqas il-vandaliżmu li qegħdin insibu ta’ kuljum f’diversi żoni, li dawn ikunu ffrekwentati min-nies bi tfal żgħar.





Barra dan ix-xogħol li għandi f’dan id-dekasteru, kienu bosta xogħlijiet oħra li wettaqt b’suċċess, u anke grazzi għall-persuni li dejjem avviċinawni, jiena kont utli biex inlestihom fil-ħin. Kien hemm ċertu xogħol li jirrigwarda *wires* tat-telefon u *internet* li għandhom x’jaqsmu mal-kumpaniji GO u *Melita*. Nista’ ngħid li kull meta daħħalt rapport ta’ ħsarat jew tranġar ta’ *wires,* il-ħaddiema dejjem kienu effiċjenti u x-xogħol sar b’mod pulit li ma jdejjaqx lir-residenti.

Apparti minn hekk, qed nieħu ħsieb li ndur ħafna mill-għamara li għandna fit-toroq li jirrigwardjaw tabelli li jkunu issaddu wara ħafna snin jew tkun marritilhom iż-żebgħa minn fuqhom. Nixtieq ngħid li qed isiru *traffic managements* ġodda sabiex innaqqsu anke perikli u ħbit ġo ċertu toroq diffikultuzi. Twaħħlu wkoll mirja ġodda ġo ċertu toroq li kienu ta’ għajnuna għas-sewwieqa nfushom.






Nagħlaq dan ir-rapport annwali tiegħi biex nerġa ntenni r-ringrazzjamenti tiegħi, fejn minn hawnhekk nawgura kull ħidma sfieqa li titwettaq ġewwa din il-belt hekk sabiħa u pittoreska taż-Żejtun.

# Roderick Caruana

Permezz ta’ dan ir-rapport se nkun qed nispjega dwar il-pjan ta’ ħidma tiegħi li jikkonċernaw l-oqsma tal-Ambjent, Ħarsien tal-Ġwiebi u l-Enerġija. Liema ħidma se nkun qed inwettaqha fl-aqwa interess tar-residenti żwieten b’kollaborazzjoni ma’ sħabi l-kunsilliera.







## L-Ambjent

Fid-dinja mgħaġġla li qed ngħixu fiha naħseb li l-qasam ambjentali huwa prijorita’ li wieħed għandu jaħdem fuqu sabiex nippreservaw l-ambjent sabiħ li tospitana bih din Beltna.

Dan huwa qasam li huwa responsabbilta’ ta’ kull żejtuni fuq l-istess livell. Tajjeb li nifhmu li dak li nagħmel jien jaf iħalli impatt fuq l-ambjent li huwa tiegħek ukoll.

Dawn li ġejjin huma xi proposti fil-pjan ta’ ħidma fil-Qasam Ambjentali:

- Seminars u taħdidiet dwar metodi prattiċi li jistaw jużaw il-bdiewa u residenti tagħna f’dawk li huma tisqija, indukrar tal-frotta u pjanti aħjar.
- Kampanji ta’ *Clean Up the World.*
- Nippromwovu l-ambjent lir-residenti biex jipparteċipaw f’attivitajiet, bħal skemi tat-tħawwil tas-siġar u *green areas neighbourhood watch* f’terminu ta’ ħarsien ambjentali.
- Attivitajiet miftuħa fl-ambjent għall-familji u residenti żwieten, fejn mhux biss ingwadu l-flora Maltija u noħorġu l-messaġġ tal-importanza li nħallu l-post kif sibnih.
- Bħala Kunsill Lokali naraw li nkunu qed naħdmu b’etika ambjentali billi nagħmlu dispożizzjoni minima f’dawk li huma karti.
- Bħala Kunsillier ser inkun qed nilqa’ u nindirizza ilmenti li ġejjien mill-qasam tal-kostruzzjoni li qed isiru fil-lokalita’, fejn naraw li jkunu qed jiġu mħarsa l-liġijiet marbuta mat-tniġġis tal-arja u rimi tal-iskart marbut mal-istess settur.

- Ser inkun qed nevalwa boroż ta' għajnuna finanzjarja li r-residenti u l-bdiewa tagħna jistaw jibbenefikaw minnhom.
- Monitoraġġ u rappurtar ta' rimi illegali.
- F'kull proġett li ser ikun qed jiġi mwettaq min-naħa tal-Kunsill, flimkien ma' sħabi l-kunsilliera, ser nagħmlu valutazzjonijiet u riskji ambjentali sabiex kemm jista' jkun l-impatt fuq il-qasam ambjentali jkun minimu.
- Ser inkun qed nistudja l-possibbilta' dwar programm fejn in-negozji Żwieten jiġu magħrfa dwar kif jistgħu jgħinu fil-ħarsien ambjentali, liema negozji joqogħdu għal dan l-iskrutinju u jiġu ċċertifikati bħala negozji responsabbli mill-ambjent.
- Ser inkun qed naħdem id f'id ma' entitajiet, bħal fondazzjoni Wirt iż-Żejtun, u nisma' s-suġġerimenti tagħhom sabiex flimkien inwettqu ħidma għal prevenzjoni u tisbieħ ambjentali.
- Flimkien mal-Kunsilliera responsabbli mil-Librerija Pubblika, ser inkun qed nara li jiżdiedu l-kotba b'għarfien ambjentali sabiex dan il-qasam ikompli jingħata prijorita'.



## Ħarsien tal-Ġwiebi

Il-ġwiebi huma sors importanti għar-raħħala u l-bdiewa tagħna ghaliex permezz tagħhom jagħmlu użu mill-ilma riservat. Huwa fl-interess tagħna li dawn il-bdiewa u r-raħħala ikollhom l-aħjar ilma possibli, sabiex jasal għand il-konsumatur l-aħjar prodott, frott ta' tisqija tajba.

Flimkien mal-*Water Services Corporation,* ser inkun qed naħdem sabiex il-ġwiebi presenti jkunu priservati u miżmuma fuq l-aħjar mod, b'parametri legali.

Ser inkun qed nara li l-boroż finanzjarji maħruġa għall-qasam rurali jkunu jistgħu

jibbenefikaw minnhom ir-raħħala u l-bdiewa Żwieten.

Huwa fl-interess u l-obbligu tiegħi li nżomm kuntatt u rapurtaġġ mal-istess bdiewa u raħħala sabiex nkun nista' nassistihom f'dak li huwa ħarsien tal-ġwiebi.



## L-Enerġija

Pjan ta' enerġija aħjar huwa dak li jippromovi ħarsien ambjentali u tqassim aħjar tar-riżorsi li fl-aħħar mill-aħħar ser tagħmel gwadann minnu l-komunita' kollha.

Ghalhekk bħala Kunsill nottjenu l-obbligu li nindirizzaw l-enerġija bl-aktar mod etiku possibli.

Il-proposti tiegħi li jirrigwardjaw l-enerġija huma:

- li jittellgħu taħdidiet u seminars ta' kif wieħed jista' jiffranka mill-konsum tad-dawl fir-residenza tiegħu, fejn jiġi spjegat x'differenza jkun hemm meta jintużaw prodotti aktar moderni li jippermettu konsum anqas.
- kotba fil-Librerija Pubblika dwar użu ta' enerġija aħjar.
- attivita' għal tfal u studenti Żwieten, fejn tkun *prompted energy saving strategy.*
- studju ta' proposta, fejn in-negozji u postijiet pubbliċi jiġu rinomati bħala *energy friendly.*
- ser inkun qed nara l-iskemi maħruġa, fejn ser nevalwaw il-possibbilta' li postijjiet pubbliċi jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja li trendi pjan ta' użu ta' enerġija aħjar.
- studju ta possibilta' ta' aktar installar ta' dawl artifiċjali li jaħdmu bl-enerġija solari fit-toroq u l-ġonna tar-raħal.

- flimkien mal-Kunsilliera responsabbli mill-isport, ser nara li jitwassal il-messaġġ ta' aktar trasport fiżiku permezz tar-roti. Bħala Kunsill se nkomplu nevelwaw aktar postijiet, fejn wieħed jista' jipparkja r-rota tiegħu b'anqas konsum ta' *fuels* kif ukoll anqas tniġġiż fl-arja.

- flimkien mal-Gvern Ċentrali, permezz tal-Kunsill Lokali, ser inkun qed naħdem għall-aktar *points* fejn wieħed jista' jiċċarġja l-karozza tal-elettriku. Dawn se jiġu nstallati sabiex inkunu qed nippromwovu l-użu tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku.

Dawn huma l-proposti ta' pjan ta' ħidma li jien qed naspira li nwettaq fis-snin li ġejjien bl-għajnuna u s-suġġerimenti tar-residenti Żwieten, li huma l-aħjar għodda li nista' nuża sabiex nasal għal pjan ta' ħidma tiegħi. Ghalhekk ser inkun qed nilqa' bil-quddiem kull suġġeriment mgħoddi sabiex flimkien inħarsu lejn Żejtun aħjar.






# Sean Chircop

## Introduzzjoni

Din kienet is-seba' sena tiegħi bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun, grazzi għall-poplu Żejtuni li reġa' tani ċ-ċans li ninforma parti minn dan il-Kunsill għall-ħames snin li ġejjin. Nista' ngħid li kienet sena oħra impenjattiva f'dawk li għandhom x'jaqsmu ma' xogħlijiet u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mat-Taqsima tal-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu.

Matul din is-sena, komplejt niżviluppa u nsaħħaħ l-attivitajiet li konna bdejna fis-snin ta' qabel u wkoll ħriġna bi proġetti u attivitajiet ġodda. Ma nistax nibda dan ir-rapport ta' ħidma, billi ma nirringrazzjax lis-Sindku li reġgħet fdatli f'idejja dan id-dekasteru u grazzi tal-għajnuna kollha li sibt mill-membri u l-istaff kollha tal-Kunsill, fejn bis-saħħa tagħhom qed jirnexxili nwettaq dan ix-xogħol bla skossi. Nixtieq nirringrazzja wkoll għal darb'oħra lill-għaqdiet Żwieten, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, kif ukoll numru ta' Żwieten, li dejjem urew l-koperazzjoni tagħhom għal kull għajnuna li kelli bżonn minnhom biex tkun tista' tittella' xi attività partikolari.

## Il-Grupp Filateliku taż-Żejtun



Din kienet is-**17 -il sena** mit-twaqqif tal-Grupp Filateliku taż-Żejtun, fejn komplejna niltaqgħu kull l-aħħar Tlieta tax-xahar fil-binja tal-Kunsill Lokali.

Matul din is-sena, ħadna ħsieb li nkomplu noħorġu sensiela ta' 25 bolla personalizzati u kartolini filateliċi dwar in-niċeċ taż-Żejtun, biex inkomplu nxerrdu l-wirt storiku taż-Żejtun.

Ħadna ħsieb ukoll biex il-Grupp inkomplu noħorġu l-gazzetta filatelika, ***The Melite Post***, 4 darbiet fis-sena, b'artikli mill-membri stess, fejn wasalna fit-13 -il ħarġa.

Din is-sena, għas-seba' sena konsekuttiva, il-**Wirja Annwali tal-Filatelija** ttellgħet waqt Żejt iż-Żejtun f'Settembru. Din il-wirja nistgħu ngħidu li saret tkun mistennija fejn reġgħu ġew iżuruha mijiet ta' nies.




## Il-Grupp Letterarju taż-Żejtun u Spazjarti

Matul din is-sena, baqa' jiltaqa' wkoll il-Grupp Letterarju taż-Żejtun, fejn qed naħdmu aktar fuq il-kitba tad-djalett Żejtuni, il-poeżija u l-kanzunetti bil-Malti. Il-membri tal-Grupp Letterarju taż-Żejtun kellhom diversi

opportunitajiet fejn setgħu jaqraw ix-xogħol tagħhom fil-pubbliku, fosthom fis-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun, il-Kunċert tal-Milied, it-Tifkira tal-Għoti tat-Titlu ta' Belt u fit-Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra.

Din is-sena, għat-tielet sena konsekuttiva, ħadna sehem ukoll fil-jumejn tal-GħanaFest 2019. Palk mill-Argotti għall-jumejn kien iddedikat għad-djalett Żejtuni, fejn numru ta' qarrejja mill-Grupp Letterarju ħolqu tbissima f'dawk preżenti u kien hemm tifħir mill-kumitat ta' *Festivals Malta.*

Matul din is-sena, komplejna nippubblikaw żewġ ktejbiet oħra mis-sensiela '**Kulħadd Xogħlu Jogħġbu**', fejn qed nagħtu spazju lill-kittieba u poeti Żwieten biex iwasslu fost il-pubbliku l-kitbiet u l-poeżiji tagħhom. F'Ġunju, f'koperazzjoni ma' Wirt iż-Żejtun, tellajna attività ddedikata lid-djalett Żejtuni fuq iz-zuntier ta' Misraħ ir-Repubblika, fejn kompliet toħroġ id-differenza bejn id-djalett tar-Raħal ta' Fuq u tar-Raħal ta' Isfel.



Din is-sena, komplejna bl-idea ta' **Spazjarti,** fejn qed nagħtu spazju lill-artisti biex jesponu l-arti tagħhom fir-*reception* tal-Kunsill Lokali għal xahar sħiħ, li nixtieq ngħid li hemm nuqqas ta' koperazzjoni mill-artisti stess. Matul din is-sena kellna l-arti ukoll tas-Sindku Doris Abela.

Matul is-sena, komplejna nagħtu importanza lil-lingwa Maltija, fejn dwar dan ġejna mfaħħra mis-sit 'Il-Malti Madwarna' u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## *Żejtun Organistation to Empower You (ŻOEY)*

L-organizzazzjoni tal-istudenti żgħażagħ ŻOEY issa daħlet fis-7 sena tagħha fejn komplejna naħdmu biex nippromovu, nippriservaw u nagħtu l-opportunitajiet liż-żgħażagħ biex ikomplu jaħdmu f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-istorja, il-kultura, l-arti u l-edukazzjoni.

Barra minn hekk, permezz ta' din l-organizzazzjoni, komplejna nagħtu opportunità lill-istudenti tal-livell post-sekondarju biex ikunu jistgħu jwettqu l-proġett tagħhom tas-***Systems of Knowledge*** magħna.

Fost l-attivitajiet li organizzajna kien hemm:

- Li matul is-sena ħejjejna diversi **filmati** li jippromovu l-kultura u t-tradizzjonijiet li nsibu fiż-Żejtun;

- Li l-membri ħadu sehem f'diversi seminars u attivitajiet mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat;

- Li matul is-sena organizzajna diversi ***hikes*** madwar Malta.

- Fi Frar 2019 għamilna stħarriġ fost iż-Żwieten dwar kemm huma kburin u jafu dwar l-istorja u l-kultura ta' belthom bi tħejjija għall-*card game* dwar iż-Żejtun. Fejn il-membri ħarġu fil-Pjazza taż-Żejtun isaqsu liż-Żwieten dwar dan, l-istess membri użaw dan l-istħarriġ bħala parti mill-istudju edukattiv tagħhom.





## Is-Sit u l-paġna tal-*Facebook*

Ħadt ħsieb li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, *www.zejtunlocalcouncil.com*, matul is-sena jibqa' jiġi aġġornat b'dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Kunsill Lokali. Matul is-sena, eluf ta' Maltin u turisti, qed jidħlu f'dan is-sit biex ifittxu informazzjoni utli, kif ukoll informazzjoni fuq l-istorja u l-kultura taż-Żejtun. Qed jintuża wkoll mit-tfal għall-proġetti, hekk kif is-sit issa qiegħed bil-Malti wkoll. Biex nippromovu aktar l-attivitajiet kulturali li jkun hawn madwar iż-Żejtun matul is-sena, ftaħna wkoll is-sit www.zejtun2020.com, fejn jippromovi liż-Żejtun bħala belt turistika.

Ħadt ħsieb ukoll li ta' kull ġimgħa nkompli naġġorna l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq *facebook*, *'Kunsill Lokali Żejtun - Żejtun Local Council'*, biex qed tkun avviżiera aktar qrib il-poplu Żejtuni. Numru kbir ta' nies qed isibu din il-paġna wkoll utli, fejn għandha madwar 4,000 utent li jżurha b'mod regolari.

Qed nesploraw biex inżommu aktar kuntatt faċli mar-residenti online permezz ta' mezzi soċjali oħra, kif ukoll biex niżviluppaw App tal-*mobile.*

## Restawr: il-Binja u n-Niċċa ta' San Ġużepp u l-Kappella tas-Salvatur

Wara li s-sena li għaddiet ħadna ħsieb biex nerġgħu napplikaw għall-iskema tal-Gvern għar-restawr biex tiġi restawrata n-**Niċċa ta' San Ġużepp**, ta' Triq Marsaxlokk k/m Triq San Pietru. Issa nistgħu nikkonferma li x-xogħol fuq in-niċċa u l-binja tagħha daħal fi stadju avvanzat.

Dan il-proġett qed isir minn żewġ skemi tal-Gvern Ċentrali, waħda mill-Ministeru tal-Kultura u oħra mill-*Urban Development Fund* tal-Awtorità għall-Ippjanar. Filfatt ir-restawr fuq il-

binja kundannata, li kienet isservi bħala forn, tlesta minn kollox u fl-aħħar ta' Frar tkun lesta wkoll in-niċċa.

Wara li l-Ministeru tal-Kultura fetaħ l-applikazzjoni għall-proġetti tar-restawr ħadna ħsieb biex napplikaw għar-restawr tal-Kappella tas-Salvatur, li din ġiet aċċettata.







## Ħarsien ta' Binjiet Storiċi u l-Karattru tat-Toroq

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali kompla jieħu ħsieb il-karattru taż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni fejn jiġu evalwati l-permessi biex tingħibed attenzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-valur arkitettoniku u storiku ta' dawn il-binjiet. Fost 'l oħrajn, rajna li jkun hemm oġġezzjoni dwar l-iżvilupp fil-ġnien ta' Villa Curmi fi Triq Sant' Anġlu u l-qerda ta' Villa Bonici f'Ta' Tavlin. Barra minn hekk, kien hemm ukoll oġġezzjoni dwar dar tal-anzjani proposta fi Vjal il-25 ta' Novembru, li kienet se teqred l-i*skyline* taż-Żejtun mit-Triq Tal-Barrani.

Matul din is-sena, ħadna ħsieb li napplikaw għall-fondi tal-LESA biex insebbħu t-toroq dojoq taż-Żejtun fil-Gwiedi u Ħabel ix-Xgħir billi se nkunu qed nimplementaw l-istrateġija ta' pjanti fl-urban. Dan se jkun implementat fil-ġimgħat li ġejjin. Minn hawn, nirringrazzja s-Sindku li ħadet ħsieb li żewġ toroq fiċ-ċentru taż-Żejtun ġew pavimentati.

## Kwiżż - iż-Żejtun 5.37 u Ktieb dwar in-Niċeċ



Wara li fis-snin li għaddew ħareġ il-programm interattiv 'Iż-Żejtun - 5.37' li jagħti ħarsa lejn l-inħawi, it-toroq, il-postijiet ta' interess u x-xbihat reliġjużi li nsibu fil-parametri tal-belt Żejtunija. Dan il-programm ġie mħejji biex jgħarraf lill-pubbliku Malti b'mod faċli, diġitali u interattiv dwar l-istorja rikka li joffri ż-Żejtun. Din is-sena ħadna ħsieb li dan is-CD ikun jista' jiġi ikkumplimentat f'*card game* forma ta' kwiżż. Permezz ta' dan, it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu aktar dwar l-istorja u l-kultura ta' beltna b'mod interattiv, hekk kif ma' kull *card* hemm aċċess għall-kodiċi QR, biex jaċċessaw għal aktar informazzjoni. Din il-*card game* intlaqgħet tajjeb ħafna u matul l-2020 se tkun qed titqassam b'xejn lill-istudenti tar-4 sena tal-Iskola Primarja, permezz ta' fondi miksuba għall-proġett edukattiv li se jsir mal-Kunsilliera Dorcas Camilleri. Ma' din il-*card game,* se joħroġ ukoll *workbook* u se jsiru *workshops* biex jedukaw aktar lit-tfal dwar l-Istorja, il-Kultura, il-Patrimonju u l-Personaġġi taż-Żejtun.

L-informazzjoni dwar ix-xbihat reliġjużi li kienet ġiet miġbura għas-CD interattiv din is-sena, bis-saħħa tal-fondi mogħtija mill-Ministeru tal-Kultura f'isem Wirt iż-Żejtun, setgħet toħroġ bħala ktieb. F'Jannar ġie mniedi dan il-ktieb fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġġjanat, fejn ittellgħet wirja ukoll bir-ritratti ta' Angelo Caruana u Glen Chircop.

# Attivitajiet Kulturali

## Tifkira tal-Gwerra

Biex infakkru s-77 sena anniversarju mit-Traġedja tal-Pjazza, tat-2 ta' Mejju, 1942, fit-tieni Ħadd ta' Mejju, ġiet organizzata kommemorazzjoni simbolika biex tfakkar t-28 persuna li mietu waqt din it-traġedja u l-vittmi Żwieten kollha li mietu fil-Gwerra. Għat-tifkira simbolika, kien hemm is-sehem tal-Għaqdiet Mużikali taż-Żejtun, l-i*Scouts* u l-Arċipriet Dun Nikol Pace, fejn bierek il-lapida, u tpoġġiet kuruna tal-fjuri, ad unur missirijietna, li ħallewlna f'din it-traġedja.



## Città Beland - 222 sena

Biex infakkru l-222 sena anniversarju minn meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' Città Beland, qabel il-Kunċert tal-Milied għamilna din it-tifkira simbolika. Dan l-avveniment sar fil-Knisja Parrokkjali.

## Kors tal-Inbid

F'Mejju erġajna għamilna kors ta' tlett ġimgħat b'xejn dwar il-proċess u l-għasir tal-inbid, flimkien mal-Għaqda Għassara tal-Inbid, fejn kien hemm konkorrenza tajba ħafna. Ingħata ċertifikat lil kull min attenda l-lezzjonijiet kollha. Fl-aħħar tal-kors, saret serata ta' *wine tasting* fi Ġnien Luqa Briffa.



## Kunċert tal-Orgni

Fil-bidu ta' Diċembru, ħadna ħsieb li nibdew l-attivitajiet tal-Milied permezz ta' Kunċert fuq l-Orgni minn mużiċisti Taljani ta' fama internazzjonali fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima. Dan il-kunċert, li sar bħala parti minn *The Malta International Organ Festival*, kien bla ħlas.



## Pjazza tal-Poplu - Żejt iż-Żejtun

Għal Żejt iż-Żejtun, fl-inħawi ta' San Girgor, ħadna ħsieb, flimkien mal-Kunsilliera Stephanie Fenech u Dorcas Camilleri, li ntellgħu *stage* biex jippromovi l-mużika kontemporanja Maltija. Fejn kellna magħna lil Miriam Christine Borg, Danica u Cherylis, flimkien mal-band Barnie and Pod u *string quartet.* Fl-istess żona, il-grupp ŻOEY tellajna stand biex nippromovu l-*card game.*



## Żmien il-Ġimgħa Mqaddsa

Għal dan iż-żminijiet, ħadt ħsieb biex il-Kunsill Lokali taż-Żejtun jerġa' joħroġ il-**fuljett** bil-wirjiet kollha li jkunu hawn fiż-Żejtun marbuta ma' dawn iż-żminijiet. Il-fuljett sar kemm bil-Malti u anki bl-Ingliż, biex iservi ta' għajnuna għall-Maltin u t-turisti li jiġu jżuru ż-Żejtun fiż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Fid-daħla taż-Żejtun, għamilna *billboard* biex jippromovi l-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun.

Konna ta' koperazzjoni sħiħa ma' XirCammini biex jerġgħu jwettqu l-mixja storika ta' San Girgor, mill-Imdina saż-Żejtun. Fejn din suppost se tkun qed tiġi mnedija din is-sena.



## Is-Serata ta' Ġieħ iż-Żejtun - 19 ta' Marzu

Matul din is-serata, bħas-snin imgħoddija, reġa' kien hemm il-**Konkors Letterarju Annwali** tal-Kunsill Lokali, li kull sena qed jieħdu sehem fih kittieba ġodda, li din is-sena kellna numru rekord fejn jidħlu kittieba u anki l-livell ta' kitbiet. F'dan il-Konkors, ġew ippremjati l-aqwa rakkont b'Malti standard (li ntrebħet mis-Sinjura Catherine Attard) kif ukoll l-aqwa poeżija (li ntrebħet mis-Sur Joe Baldacchino). Ingħata t-Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa poeżija, u għat-tieni darba, ingħata t-Trofew Lino Psaila għall-aqwa silta bid-djalett Żejtuni, li ħaditu s-Sa. Marija Tabone. Il-kitbiet kollha li ħadu sehem ġew ippubblikati f'żewġ ktejbiet biex ikunu jistgħu

jitgawdew mill-pubbliku. Din is-sena wkoll, qed jiġu ppremjati xogħlijiet letterarji bl-istess format u l-applikazzjonijiet diġà jinsabu miftuħin.

Dakinhar, ġie onorat ukoll bil-midalja ta’ Ġieħ iż-Żejtun, **is-Sur Anthony Spagnol**, li ħadem u għadu jaħdem b’risq il-kultura u l-arti fuq livell lokali u nazzjonali. Fl-istess serata, ingħata wkoll unuri oħra ta’ apprezzament, hekk kif din is-sena kien jaħbat il-25 sena anniversarju mill-ewwel Kunsill Lokali taż-Żejtun; ingħataw ukoll premjijiet speċjali lil 8 persuni fil-qasam tagħhom: il-Premju Anzjanità Attiva lis-Sur Vincent Cumbo u s-Sur Francis Falzon, il-Premju Fjamma Żagħżugħa lis-Sur Aidan Cassar u s-Sa. Francesca Mifsud, il-Premju Sportiv tas-Sena lis-Sur Kurt Zahra u s-Sa. Mariah Zahra, u l-Premju Ħarsien il-Wirt Kulturali, il-Perit Ruben Abela u s-Sur Anthony Seychell.

Bħalissa hemm is-sottomissjonijiet miftuħin għal Ġieħ iż-Żejtun 2020, li din is-sena se jingħata fid-19 ta’ Marzu.

Is-serata ttellgħet fis-Sala Parrokkjali u kienet ippreżentata mis-Sur Glen Chircop u bis-sehem tal-kantanta Corazon Mizzi, fejn annimat is-serata b’numru ta’ kanzunetti bil-Malti mill-album il-ġdid tagħha.

## Żmien il-Milied - il-Kunċert u l-Kompetizzjoni



Din is-sena il-ħidma spiċċat bil-**Kunċert Annwali tal-Milied**, li din is-sena sar fit-30 ta' Diċembru. Mill-udjenza tajba li qed ikun hemm ta’ kull sena jidher li l-Kunċert Annwali tal-Milied daħal fil-kalendarju annwali ta’ diversi Żwieten.

Din is-sena, għal darb’ oħra, kellna fostna wieħed mill-aqwa korijiet gospel f’pajjiżna, **VOCA Choir**, u dawk kollha li attendew, li kien numru ta’ sodisfazzjon, ħarġu sodisfatti bil-livell għoli tal-kunċert. L-armar tad-dwal fil-Knisja Parrokkjali komplew idaħħlu lil dawk preżenti fil-ferħ u l-hena ta' żmien il-Milied. Għal waqt il-Kunċert tal-Milied, ħadt ħsieb li jinġabru fondi għall-bżonnijiet tal-Knisja Parrokkjali min-nies preżenti. Għal dan il-kunċert, attenda l-E.T. l-President ta’ Malta u s-Sinjura Vella.

Matul il-Kunċert tal-Milied, ingħata t-**Trofew Carlo Diacono** lill-aqwa mużiċisti tas-sena taż-żewġ baned ewlenin taż-Żejtun. Għal din is-sena, f'isem l-Għaqda Mużikali Beland, ġie onorat is-Sur  Louis Borg Falzon u f'isem l-Għaqda Banda Żejtun, ġiet onorata s-Sa. Stacey Zammit.

Għall-waqt il-festi tal-Milied ħadt ħsieb biex targa' tittella' l-**Kompetizzjoni tal-Isbaħ Armar Kreattiv taż-Żminijiet tal-Milied fiż-Żejtun**. Kellna numru sabiħ ta' kompetituri li ħadu sehem bħas-snin imgħoddija, u kollha ngħataw rikonoxximent tax-xogħol sabiħ tagħhom b'rabta ma' dawn iż-żminijiet. Din is-sena kellna żewġ kategoriji; l-isbaħ tieqa u l-isbaħ tiżjin ġenerali.

## Turiżmu u PlakkaStorja

Matul l-2019, ħabbarna tlett *tours* turistiċi, biex inħajru aktar turisti jżuru ż-Żejtun. Ħejjejna dawn it-tlett *tours* u lestejna itinerarju dettaljat dwar dak kollu li ssib iż-Żejtun. Fosthom saru diversi *night tours* li qajmu interess kbir. Matul is-sena saru diversi mixjiet kulturali, fosthom 3 mixjiet f'żoni differenti taż-Żejtun, waqt l-attività minn *SportsMalta* fejn iż-Żejtun kien bħala belt sportiva. Saru diversi mixjiet maċ-ċentru taż-Żejtun lill-gruppi ta' studenti tal-*Erasmus+* u mixja madwar in-niċeċ taż-Żejtun li qajmet interess kbir.





Barra minn hekk, l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, qed iservi bħala uffiċċju t'informazzjoni għat-turisti, fejn jistgħu jiġbru l-mapep ta' patrimonju u kull informazzjoni li għandhom bżonn.

**PlakkaStorja** - Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun wera kollaborazzjoni sħiħa ma' Wirt iż-Żejtun fit-twettiq u fl-ispejjeż addizzjonali biex beltna tkun tista' tibda tgawdi mill-proġett PlakkaStorja, li ġie parzjalment iffinanzjat (80%) mill-*Voluntary Organisations Project Scheme* (2018) imħaddma mill-Kunsill Malti għall-Volontarjat. Fejn twaħħlu stands quddiem knejjes, bini u siti storiċi fiż-Żejtun b'informazzjoni dwar 56 post. L-informazzjoni hi bil-Malti u l-Ingliż, biex il-poplu jsir mgħarref aktar dwar il-wirt rikk tagħna, u t-turisti lokali u barranin ikollhom il-ġita tagħhom madwar beltna aktar interessanti.

Ħadna ħsieb li ssir mappa ta' patrimonju ġdida bil-Malti u bl-Ingliż biex tkun aktar aġġornata u fl-istess ħin nippromovu l-akkomodazzjonijiet turistiċi li għadna f'beltna. Qegħdin fi proċess biex joħroġ ukoll il-guide book għat-turisti dwar il-postijiet ta' interess fiż-Żejtun.

## *European Destination of Excellence - EDEN*

Fl-aħħar ta' Novembru, kien mument importanti għaż-Żejtun, hekk kif ġejna infurmati li matul l-2020, iż-Żejtun se jkun qed jinagħta t-titlu ta' Destinazzjoni Ewropea ta' Eċċellenza mill-Unjoni Ewropea, fejn se jingħata rikonoxximent u promozzjoni madwar l-Ewropa kollha.

Tajjeb li naraw eżatt xi jfisser dan it-titlu ta' destinazzjoni EDEN. Sa mill-2006, minn meta twaqqaf għall-ewwel darba din it-titlu mill-Kumissjoni Ewropea, f'Malta ħadu dan it-titlu 7 lokalitajiet biss, 4 f'Għawdex u 3 f'Malta. L-għan ta' dan it-titlu hu biex jippromovu l-iżvilupp turistiku b'mod sostenibbli lil dawk id-destinazzjonijiet li jaħdmu favur il-valuri tagħhom u jippromovu d-diversità b'diversi modi. Kif ukoll fuq il-ħidma soċjali, kulturali, ambjentali u sportiva ta' dawk l-ibliet mhux daqshekk magħrufa fid-dinja turistika biex jaħdmu fuq turiżmu sostenibbli u ta' kwalità. B'hekk, bħala komunità waħda, kull għaqda, għandha tisfrutta dan it-titlu. Dan it-titlu fis-snin passati ħaduh bliet bħal Delphi u Marathon fil-Greċja u Specchia fl-Italja.

Iċ-ċeremonja uffiċjali ser issir fi Brussell fil-5 ta' Mejju, iżda l-ħidma diġà bdiet biex nisfruttaw dan it-titlu prestiġjuż. Fost l-oħrajn, f'Diċembru ħabbarna l-logo li se jkun qed jintuża matul din is-sena u għamilna l-kalendarju għall-2020. Kif ukoll ftaħna sit uffiċjali għal din is-sena, www.zejtun2020.com.

## Olive Twist - Arti f'Misraħ Karlu Diacono

Matul l-2019, applikajna għall-fondi mill-*Malta Art Funds*, flimkien mal-*Malta Unesco Youth Association (MUYA)* fejn ġew mogħtija €30,000 biex ikun jista' jibda l-proġett li se jibdel Misraħ Karlu Diacono. Fejn fost l-oħrajn, se ssir arti li tippreżenta siġra taż-żebbuġ li tirrifletti l-isem Żejtun u art ta' arti bil-mużajk li tirrifletti episodji differenti mill-istorja taż-Żejtun. Dan il-proġett qed isir mill-artist Rune Bo Jakobsen. Filwaqt li x-xogħol fil-mużajk se jsir b'xogħol tal-komunità f'*workshops* li se jsiru minn tlett artisti Żwieten; Joe Baldacchino, Clive Gerada u Anthony Spagnol.



Photo - DOI - Reuben Piscopo

## Ismijiet ta' Toroq

Minn din is-sena, bdejt nieħu ħsieb ukoll l-ismijiet ta' toroq u n-numerazzjoni tal-bibien. Il-prijorità tiegħi hi l-ismijiet eżistenti ma jinbidlux peress li dawn qed jirriflettu l-istorja ta' beltna u missirijietna. Iżda li meta jkun hemm bżonn xi bidla, naraw li l-ismijiet jibqgħu jippromovu t-topografija, l-istorja u l-personaġġi li għamlu ġieħ liż-Żejtun.

Matul din is-sena, it-Triq Taċ-Ċawsli, minn Triq Bormla sar jisimha Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, biex tfakkar ir-rebħa importanti fl-istorja ta' pajjiżna li ż-Żwieten wettqu fis-6 ta' Lulju, 1614. Wesgħa fi Triq l-Isqof Emmanuele Galea sar jisimha Wesgħat Anġlu Żahra, għall-ħidma tiegħu li wettaq fil-qasam soċjali u ġardina fi Triq Gius Caruana saret Wesgħat il-Ġemellaġġi.

Rajt li l-berġa taż-Żejtun għandha tfakkar l-ewwel tabib mara Maltija li serviet u għexet iż-Żejtun, Dr. Blanche Huber. Fl-istess berġa, saru wkoll sett ta' inkwatri minn ritratti miġbuda minni biex ikomplu jippromovu s-sbuħija taż-Żejtun.

## Għeluq

Hawn tajt ħarsa ħafifa lejn id-diversi attivitajiet li ġew organizzata matul din is-sena u li kien ħaqqhom jissemmew. Minn hawn, nixtieq nirringrazzja lis-Sindku s-Sinjura Doris Abela, tal-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandha għal kull attività li xtaqt norganizza matul din is-sena.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera sħabi kollha tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom. Bla dubju ta' xejn, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, fosthom lis-Segretarju Anton Falzon, li jkun ta' għajnuna kbira matul is-sena biex kollox jitmexxa b'mod tajjeb f'kull attività, u lil Angelo u Reuben tal-paċenzja li jieħdu. Filwaqt li nixtieq nirringrazzja ukoll lil Stefan, Marthese u Ann Marie tal-għajnuna li sibt mingħandhom fl-attivitajiet tal-2019 u lill-ħaddiema 'l oħra kollha tal-Kunsill.
Fl-aħħar u mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li nsibu l-għajnuna tagħhom għall-attivitajiet varji, fejn għal kull attività nista' ngħid li hemm persuni partikolari li jagħtu l-kontribut tagħhom, iżda żgur ma nistax ninsa lil Glen Chircop, Joseph Chircop, Joe Baldacchino, Laura Caruana, il-Perit Ruben Abela u Paul Zammit, li dejjem sibthom ta' għajnuna kull meta kelli bżonn. Grazzi wkoll tmur għal membri ta' ŻOEY; u lill-membri tal-gruppi kollha 'l oħra li nieħu ħsieb; il-Grupp Filateliku taż-Żejtun u l-Grupp Letterarju taż-Żejtun.

# Stephanie Fenech

Sena oħra mpenjattiva f'dik li hija ħidma b'risq il-komunita' Żejtunija għaddiet ukoll u tagħat bidu għal oħra li nemmen u diġa' turi li se tkun produttiva ukoll bħas-snin preċedenti. Is-sena 2019 rat ukoll l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u mill-ġdid wara 6 snin leġislatura, dik Lokali, li fiha rajna uħud minn sħabna l-kunsilliera jispiċċaw it-terminu tagħhom u oħrajn ġodda jingħaqdu magħna għal dawn is-snin li ġejjin. Ngħaddi r-ringrazzjamenti tiegħi lil dawk uxxenti tal-ħidma u l-koperazzjoni tagħhom matul is-snin u nilqa' dawk ġodda b'entużjażmu u inizjattiva li nagħmlu ġid għal-lokalita' tagħna u r-residenti kollha bħala tim sħiħ, irrelevanti mill-partit politiku li tlajna miegħu.

Bħala oqsma li ġew assenjati lili mis-Sindku, kelli żidiet u ta' dan nirringrazzja lis-Sinjura Doris Abela tal-fiduċja tagħha fija. Dawn kienu jikkonsistu fiż-żgħażagħ, sports, fondi tal-Ewropa, ġemellaġġi, is-saħħa u s-sanita', drittijiet tal-annimali kif ukoll l-informatika u t-teknoloġija. L-attivitajiet li jiġu mfassla u organizzati matul is-sena dejjem ikunu varjati ħafna, attivitajiet li dejjem saru bi skopijiet edukattivi u interattivi u li bihom naraw li noħolqu l-entużjażmu kif ukoll interess attiv fil-komunita'.

Dawn kienu jinkludu :

- Żjara uffiċjali għall-ewwel darba bħala kontinġent Żejtuni fil-Belt ġemellata tagħna ta' Celano fl-Italja. Qed naraw kif inżommu aktar kuntatt u nibbenefikaw minn din il-ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet. Nixtiequ wkoll naraw kif nerġgħu nagħtu l-ħajja lill-**ġemellaġġ** li hemm bejnietna u Tocina fi Spanja.
- Ipparteċipajt flimkien mas-Sindku u rbaħna f'isem il-lokal tagħna fuq il-programm televiżiv 'Wara Nofsinhar' imxandar mill-preżentatur Jean Claude Micallef fuq TVM.
- Bqajna nagħtu s-sapport meħtieġ lill-**għaqdiet sportivi** tal-lokal, fosthom il-klabb tal-futbol u n-*nursery* kif ukoll il-klabb tal-boċċi u noffru l-ispazju biex isir taħriġ fl-attivita' fiżika u arti marzjali.
- Ġie ffirmat mill-ġdid **ftehim** maż-Żejtun Corinthians FC biex isir rinovar komplut tat-tapit artifiċjali fil-grawnd magħruf ta' San Girgor, grawnd li kien ġie approvat li jissemma' għall-mibki Julio Camilleri. Il-proġett hu kważi lest u sar kollu mill-*Malta Football Association* għall-komunita' Żejtunija.
- Attivitajiet varji għaż-**żgħażagħ** fosthom mawra għal Kemmuna, parteċipazzjoni f'diskussjonijiet u *fundraising events* b'risq l-Istrina u *Pink October* kif ukoll sessjoni interattiva mal-artist Peter Magro dwar l-istorja u l-mod kif wieħed ipinġi l-komiks.
- Tgħammir u tisbiħ fil-***Youth & Sports Hub*** fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. *Screen* għall-p*rojector*, *table soccer*, mejda u aċċessorji tat-*table tennis* u *dart board* ġew mixtrija biex ikun hemm aktar użu mis-sala għat-tfal u żgħażagħ li jiffrekwentaw il-post.
- Flimkien ma' MOVE, erġajna tellajna l-attivita' ***'Glow in the Dark'*** fuq iz-zuntier fejn intrama grawnd tal-futbol u intlagħab logħob b'sistema ta' UV fi dlam ċappa.



- Għal Jum il-Kunsill, rajna li ntellgħu **festival tal-futbol** U11 flimkien maż-Żejtun *Corinthians Youth Nursery* bil-parteċipazzjoni ta' diversi *nurseries* oħra. Rajna kif permezz tal-isport ngħaqqdu l-kultura u x-xjenza permezz ta' attivitajiet ta' *team building* u *treasure hunts.*

- Għall-ewwel darba, ippromovejna l-***President's Fun Run*** u dawk interessati setgħu jiksbu l-flokk u jirreġistraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-bini tal-Kunsill Lokali stess. 'Il fuq minn 150 persuna utilizzaw dan is-servizz biex ikunu parti mill-mixja filantropika li tittella' kull sena, did-darba l-ewwel waħda taħt il-patroċinju tal-President Dr.George Vella.

- Trasformajna ż-Żejtun f'**villaġġ sportiv** bejn l-20 u t-22 ta' Settembru. Ikkollaborajna ma' *Sport Malta* l-Ġimgħa 20 fejn fuq bażi nazzjonali sar il-ftuħ uffiċjali tal-Ġimgħa Ewropeja tal-Isport. L-attivitajiet sportivi varjaw minn diversi dixxiplini u l-qofol tagħhom kienu fil-Pjazza u *Skate Park.* Saru wkoll mixjiet kulturali mill-Kunsillier Sean Chircop fejn amalgamajna l-kultura u l-attivita' fiżika. Saret ukoll *bike ride* bil-kollaborazzjoni tal-BAG mill-Pjazza lejn Triq taċ-Ċawsli u lura, fejn fiha ipparteċipaw diversi persuni. Provdejna roti bla ħlas apposta biex nippromwovu aktar l-użu tar-rota bħala eżerċizzju u mobilita' alternattiva. Is-Sibt komplejna l-attivita' fl-*iSkate Park* permezz ta' fondi miksuba mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Provdejna taħriġ bla ħlas biex wieħed jitgħallem ir-rota, wirja statika mill-*Malta Mini Owners Club*, taħriġ fil-futbol u arti marzjali u *fun games* għat-tfal. Il-Ħadd, 22 ta' Settembru ikkomemorajna l-*Car Free Day* u flimkien mal-ngo MOVE tajna l-Pjazza lura n-nies fejn għalaqna l-aċċess għall-karozzi u użajna l-ispazju kollu għal diversi attivitajiet sportivi. Ħeġġiġna n-nies jużaw ir-roti, kellna *basketball, football, table tennis,* logħob bl-ilma, boċċi, *board games* u tajr tal-manuċċi.



- Fl-24 ta' Ottubru nedejna l-ftuħ mill-ġdid wara rinovar tal-**Berġa Lokali** mill-Ministeru tas-Saħħa. Il-ftuħ uffiċjali sar mill-Ministru Dr.Chris Fearne u nirringrazzjawh f'isem il-komunita' sħiħa. Is-servizzi provduti issa żdiedu u se jkunu jikkonsistu mit-tabib tal-familja, patoloġista tal-lingwa mitkellma, podjatrija u fiżjoterapija.

- Flimkien mal-għaqda studenteska **MHSA *(Malta Health Students Association)*** organizzajna diversi drabi *health checks* bla ħlas għall-komunita' li jikkonsistu minn iċċekkjar ta' zokkor fid-demm, pressjoni u BMI.

- Nedejna sessjonijiet ġodda flimkien mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa bl-isem ta' **Ħu Kontroll** għal dawk il-persuni li jbatu minn mard kroniku. Dawn il-laqgħat intlaqgħu tajjeb ferm mill-parteċipanti fejn setgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom flimkien ma' professjonisti għal gwida aħjar kif jgħixu ħajjithom. Dawn saru fil-bini tal-Kunsill Lokali. Bqajna wkoll regolarment nipprovdu l-korsijiet ta' **Piż Tajjeb għal Saħħtek** fejn in-nies ikollhom sessjonijiet ta' nutrizzjoni u taħriġ fiżiku kull ġimgħa bla ħlas.



- Sessjonijiet ġodda ukoll darba fix-xahar fuq temi differenti rigward **saħħitna,** qed isiru b'kollaborazzjoni mal-*Primary Health Care* tal-Ministeru tas-Saħħa. Il-laqgħat kienu miftuħa għal kulħadd u kienu jvarjaw fuq dijabete, nutrizzjoni, kundizzjonijiet tal-viżta u s-saqajn. Dawn isiru minn professjonijisti varji skond is-suġġett u mistennija jkomplu fl-2020 ukoll.

- Bħal snin oħra, komplejna nipprovdu t-**tilqima staġjonali** tal-influwenza fil-komunita'. Dis-sena ikkolaborajna kemm mal-*Primary Health Care* li provdew it-tilqima bla ħlas kif ukoll mas-*St.James Hospital* fejn provdewlna l-infermiera għall-ġranet fejn ingħatat fil-bini tal-Kunsill Lokali. Infermiera oħra mil-lokal ukoll provdew il-ħin tagħhom bla kumpens biex tingħata it-tilqima lil persuni *bed ridden* u r-residenti ta' *Fondazzjoni Nazareth.*

- Rajna li napplikaw għal proġetti minn **fondi Ewropej** fosthom għal rinovar ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Dun Pawl Brunchell, Triq Ħal Tarxien u Triq il-Kotob. Ninnutaw li ċertu proġetti qed jiswew ammont ta' flus minn qabel ma nkunu eventwalment issottomettejna l-proposta kif ukoll element ta' burokrazija fejn jidħol devoluzzjoni ta' uħud mis-siti relatati mal-proposti.

- Applikajna għal fondi relatati ma' ***Animal Welfare*** biex ikollna *dog park* u anke kampanja biex numru ta' qtates ta' barra jiġu msewwija. Din l-applikazzjoni inżammet pendenti minħabba li d-devoluzzjoni tas-sit propost għadu qed isir. Qed nisperaw li nsibu alternattivi sakemm terġa toħroġ applikazzjoni oħra u d-devoluzzjoni tkun finalizzata min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Bħala Kunsill, kommessi biex naraw li d-drittijiet tal-annimali jkunu dejjem salvagwardjati. Fil-binja tagħna, preżentament qed inrabbu żewġt iklieb *strays,* Dante u Sindka, li llum inqisuhom parti integrali mill-ġranet tagħna. Qed naraw ukoll kif nistgħu insibu soluzzjoni effettiva bla moħqrija għall-problema ta' ħamiem li għandna f'diversi partijiet fiż-Żejtun fosthom il-Pjazza, Triq San Girgor u Triq San Pietru.

- Bħala Kunsill Lokali, ġejt mistiedna mill-**MEUSAC** biex nitkellem dwar il-fondi tal-EU li aħna ksibna matul is-snin fosthom dawk relatati maż-żgħażagħ, l-Erasmus+. Dan sar f'Novembru waqt event apposta bl-istess tema.

- Kellna żewġ opportunitajiet li niltaqgħu ma' persuni li jaħdmu fil-qasam tal-komunita' mill-belt ta' Olsztyn fil-Polonja. Dawn kisbu fondi mill-Erasmus+ biex ikunu jistgħu jitgħallmu l-lingwa Ingliża permezz ta' skambju ta' ideat fil-qasam tagħhom ġewwa Malta. Wara kull laqgħa informali, kellhom ukoll l-esperjenza li jduru l-lokal tagħna flimkien mal-Kunsillier Sean Chircop.

- Flimkien mal-Kunsillier Raymond Caruana, kelli l-opportunita' li nkun parti minn kontinġent Malti fi Brussels fejn ħadt iktar għarfien dwar l-istrutturi varji u proġetti disponibbli mill-Unjoni Ewropeja.

Wettaqna ħafna matul is-sena u tħares lura permezz ta' ritratti, juri biċ-ċar l-esperjenza pożittiva li ħallew f'kull min ipparteċipa b'xi mod. Grazzi lil dawk kollha li kkontribwixxew għal dan kollu, kemm b'mod dirett u b'mod indirett. Kull sehem hu mportanti biex flimkien nkomplu aktar ħidma sfieqa fil-komunita' tagħna. Grazzi tmur għas-Sindku u l-Kunsilliera kollha tal-koperazzjoni sħiħa u ħbiberija tagħhom. Li naħdmu wħud mill-attivitajiet flimkien juri biċ-ċar dan kollu. Grazzi tmur ukoll għas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff klerikali kif u anke' dak manwali b'apprezzament ta' kemm nagħmlu pressjoni fuqhom biex naraw l-attivitajiet isiru. Grazzi tmur ukoll għall-familja tiegħi għas-sapport morali li dejjem ituni biex nasal fejn nixtieq. Mhux faċli tikkumbina impjieg *full-time*, kors ta' *Masters* u ħidma fil-Kunsill Lokali - mingħajr is-sapport tagħhom ma nasalx żgur.

# Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2020

**Anton Falzon, is-Segretarju Eżekuttiv**

Qed inressqu l-estimi finanzjarji tal-Kunsill Lokali Żejtun għas-sena finanzjarja 2020.

Matul is-sena 2020, l-ispiza kapitali kompliet permezz ta' numru ta' proġetti li saru fil-lokalita'. Fosthom saru żewġ toroq fiċ-Ċentru tal-Lokal, Triq Gwiedi u Triq Ħabel ix-Xgħir. Dawn it toroq saru bi spiza konġunta ta' izjed minn Ewro 200,000. Saret ukoll spiża kapitali konsiderevoli fi Ġnien San Girgor, fejn sar tagħmir għal-logħob tat-tfal ġdid u latrini, bi spiża ta' Ewro 120,000. Saru wkoll interventi fl-oqsma tal-Binjiet tal-Gvern f'Ġebel San Martin kif ukoll interventi żgħar f'bosta toroq fil-lokal, fosthom fuq Triq id-Daħla ta' San Tumas. Għalkemm dan ix-xogħol mhux ta' natura kbira, xorta jsarraf f'eluf ta' Ewro.

Sabiex saret din l-ispiża kapitali u fl-istess ħin inżammet ukoll sitwazzjoni finanzjarja ta' likwidita' tajba, sar kull sforz sabiex l-ispejjeż tal-operat inżammu taħt kontroll kif ukoll ingħatat prijorita' sabiex l-ammonti dovuti, fosthom ammonti li kienu ilhom pendenti għal tul ta' żmien, inġabru f'din is-sena finanzjarja.

Is-sena finanzjarja 2020 fiha wkoll l-isfidi tagħha. L-ispejjeż tal-operat qegħdin jiżdiedu sena wara sena. Biss biss wieħed jista' jsemmi li l-ispiza fis-salarji, li l-parti sostanzjali minnha hi zieda fl-*allowance* tal-Kunsilliera, żdiedet b'21,000 ewro. Wieħed ukoll ma jistax ma jsemmix spejjeż oħra tal-operat, bħal *bulky refuse,* li fl-aħħar 5 snin irduppjat, kif ukoll żieda speċjalment fuq is-servizzi kuntrattwali.

L-ispiża kapitali hi wkoll fuq l-aġenda ta' din is-sena. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jagħmel xogħol ta' tisbiħ fi Sqaqien fic-Ċentru taż-Żejtun, xogħol ta' tisbiħ tal-Latrina tal-pjazza u ta' Misraħ is-Suq kif ukoll xogħol ieħor ta' tisbiħ u manteniment li bla dubju ser ilaħħaq l-eluf ta' Ewro.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku u l-ħaddiema kollha għas-sostenn u kooperazzjoni sħiħa tagħhom matul is-sena. Żgur li mingħajrhom ir-rizultati miksuba ma kienux ikunu possibli.

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

## Statement of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2019 | ACTUAL Jan-Dec 2019 | BUDGET Jan-Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 1,092,373 | 1,125,432 | 1,228,570 | 136,197 | 103,138 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 46,000 | 51,105 | 52,900 | 6,900 | 1,795 |
| Income raised from LES (3) | 9,000 | 9,000 | 9,000 | - | - |
| Investment Income (4) | 2,500 | 1,120 | 350 | (2,150) | (770) |
| Other Income (5) | 56,600 | 60,056 | 56,400 | (200) | (3,656) |
| **TOTAL** | **1,206,473** | **1,246,713** | **1,347,220** | **140,747** | **100,507** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 157,777 | 157,777 | 178,863 | 21,086 | 21,086 |
| Operations and Maintenance (7) | 584,600 | 604,068 | 648,266 | 63,666 | 44,198 |
| Administration (8) | 42,800 | 54,298 | 46,500 | 3,700 | (7,798) |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 200,000 | 207,028 | 316,546 | 116,546 | 109,518 |
| **TOTAL** | **985,177** | **1,023,171** | **1,190,175** | **204,998** | **167,004** |
| **Surplus / Deficit** | **221,296** | 223,542 | 157,045 | (64,251) | (66,497) |

## Statement of Financial Position

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2019 | ACTUAL as at 31 Dec 2019 | BUDGET as at 31 Dec 2020 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 1,619,508 | 1,584,049 | 1,676,941 | 57,433 | 92,892 |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | - | - | - | - | - |
| Receivables (12) | 64,789 | 88,149 | 100,148 | 35,359 | 11,999 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 1,497,887 | 1,204,950 | 1,286,052 | (211,835) | 81,102 |
| **Total Current Assets** | **1,562,676** | 1,293,099 | 1,386,200 | (176,476) | 93,101 |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 300,500 | 221,052 | 250,000 | (50,500) | 28,948 |
| **Total Current Liabilities** | **300,500** | 221,052 | 250,000 | (50,500) | 28,948 |
| **Net Current Assets** | **1,262,176** | 1,072,047 | 1,136,200 | (125,976) | 64,153 |
| **Non-current liabilities (15)** | 673,318 | - | - | (673,318) | - |
| **Net Assets** | **2,208,366** | 2,656,096 | 2,813,141 | 604,775 | 157,045 |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **2,208,366** | **2,656,096** | **2,813,141** | **604,775** | **157,045** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2019 | ACTUAL as at 31 Dec 2019 | BUDGET as at 31 Dec 2020 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 1,562,676 | 1,293,099 | 1,386,200 |
| Current Liabilities | 300,500 | 221,052 | 250,000 |
| **Working Capital** | 1,262,176 | 1,072,047 | 1,136,200 |
| Government Allocation | 889,903 | 889,903 | 941,927 |
| **FSI** | **142 %** | **120 %** | **121 %** |

**Cash Budget**

| DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR 2020 € | QTR 2 APR-JUN 2020 € | QTR 3 JUL-SEP 2020 € | QTR 4 OCT-DEC 2020 € | TOTAL 2020 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 307,142 | 307,142 | 307,142 | 307,142 | **1,228,568** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 13,250 | 13,250 | 13,250 | 13,250 | **53,000** |
| **Local Enforcement cash flows** | 2,250 | 2,250 | 2,250 | 2,250 | **9,000** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | - | - | - | - | **-** |
| Investment income | - | | | 38 | **38** |
| | - | - | - | 38 | **38** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | - | - | - | - | **-** |
| | - | - | - | - | **-** |
| **Cash received from EU funds** | - | - | - | - | **-** |
| **Cash received from Twinning** | - | - | - | - | **-** |
| **Cash from Community Services** | - | - | - | - | **-** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Other Cash Inflows** | 14,100 | 14,100 | 14,100 | 14,100 | **56,400** |
| **TOTAL Inflows** | **336,742** | **336,742** | **336,742** | **336,780** | **1,347,006** |
| **Cash Outflows** | | | | | |
| **Personal Emoluments** | 44,591 | 44,591 | 44,591 | 44,591 | **178,364** |
| **Operations & Maintenance** | 162,066 | 162,066 | 162,066 | 162,066 | **648,264** |
| **Administration** | 11,625 | 11,625 | 11,625 | 11,625 | **46,500** |
| **Finance** | - | - | - | - | **-** |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | **-** |
| Construction | | | | | **-** |
| Improvements | 45,000 | 45,000 | 45,000 | 45,000 | **180,000** |
| Special programmes | 25,000 | 25,000 | 25,000 | 25,000 | **100,000** |
| | | | | | **-** |
| | 70,000 | 70,000 | 70,000 | 70,000 | **280,000** |
| **Cash outflows re EU projects** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Community Services** | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **TOTAL Outflows** | **288,282** | **288,282** | **288,282** | **288,282** | **1,153,128** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **48,460** | **48,460** | **48,460** | **48,498** | **193,878** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **1,204,950** | **1,253,410** | **1,301,870** | **1,350,330** | **1,204,950** |
| **Carry forward** | **1,253,410** | **1,301,870** | **1,350,330** | **1,398,828** | **1,398,828** |

# Detailed Estimates of Income

| | DESCRIPTION | A<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2019<br>€ | B<br>ACTUAL<br>Jan-Sept<br>2019<br>€ | C<br>FORECAST<br>Oct-Dec<br>2019<br>€ | D (B + C)<br>TOTAL<br>Jan-Dec<br>2019<br>€ | E<br>BUDGET<br>Jan-Dec<br>2020<br>€ | F (E - A)<br>VARIANCE<br>Bud-Bud<br>€ | G (E - D)<br>VARIANCE<br>Bud-Act<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | | | | |
| | **Funds received form Central Government:** | | | | | | | |
| 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 889,903 | 666,184 | 223,719 | 889,903 | 941,927 | 52,024 | 52,024 |
| 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | 10,000 | 43,059 | - | 43,059 | 10,000 | - | (33,059) |
| 0005-0019 | Other Income | 192,470 | 87,562 | 104,908 | 192,470 | 276,643 | 84,173 | 84,173 |
| | | **1,092,373** | **796,805** | **328,627** | **1,125,432** | **1,228,570** | **136,197** | **103,138** |
| | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| 0021-0025 | Community Services | 17,500 | 13,391 | 4,109 | 17,500 | 17,500 | - | - |
| 0026-0035 | Income from Permits | 28,500 | 33,605 | - | 33,605 | 35,400 | 6,900 | 1,795 |
| | | **46,000** | **46,996** | **4,109** | **51,105** | **52,900** | **6,900** | **1,795** |
| | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| 0037 | Commission from Regional Committees | 9,000 | 5,331 | 3,669 | 9,000 | 9,000 | - | - |
| 0038-0055 | Contraventions | | | | - | | - | - |
| | | **9,000** | **5,331** | **3,669** | **9,000** | **9,000** | **-** | **-** |
| | **Investment Income** | | | | | | | |
| 0091-0095 | Bank interest | 2,500 | - | 1,000 | 1,000 | 350 | (2,150) | (650) |
| 0096-0099 | Income received from Government Securities | - | 120 | - | 120 | | - | (120) |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | - | | - | - |
| | | **2,500** | **120** | **1,000** | **1,120** | **350** | **(2,150)** | **(770)** |
| | **General Income** | | | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | 200 | 14 | 186 | 200 | 3,000 | 2,800 | 2,800 |
| 0066-0069 | Documents & Information | 4,100 | 6,728 | - | 6,728 | 1,100 | (3,000) | (5,628) |
| 0070-0075 | EU Funds | | | | - | | - | - |
| 0076-0080 | Twinning | | | | - | | - | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | | 828 | - | 828 | | - | (828) |
| 0100-0109 | Donations | | | | - | | - | - |
| 0110-0119 | Contributions | | | | - | | - | - |
| 0120-0129 | General Income | 52,300 | 16,933 | 35,367 | 52,300 | 52,300 | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **56,600** | **24,503** | **35,553** | **60,056** | **56,400** | **(200)** | **(3,656)** |
| | **Total** | **1,206,473** | **873,755** | **372,958** | **1,246,713** | **1,347,220** | **140,747** | **100,507** |

# Detailed Estimates of Expenditure

| | DESCRIPTION | A BUDGET Jan-Dec 2019 € | B ACTUAL Jan-Sept 2019 € | C FORECAST Oct-Dec 2019 € | D (B + C) TOTAL Jan-Dec 2019 € | E BUDGET Jan-Dec 2020 € | F (E - A) VARIANCE Bud-Bud € | G (E - D) VARIANCE Bud-Act € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 11,376 | 9,691 | 1,685 | 11,376 | 15,027 | 3,651 | 3,651 |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 111,600 | 87,076 | 24,524 | 111,600 | 126,489 | 14,889 | 14,889 |
| 1300 | Bonuses | 3,075 | 695 | 2,380 | 3,075 | 3,075 | - | - |
| 1400 | Income Supplements | 7,150 | 1,270 | 5,880 | 7,150 | 9,572 | 2,422 | 2,422 |
| 1500 | Social Security Contributions | 18,876 | 6,454 | 12,422 | 18,876 | 19,000 | 124 | 124 |
| 1600 | Allowances | 700 | - | 700 | 700 | 700 | - | - |
| 1700 | Overtime | 5,000 | 3,605 | 1,395 | 5,000 | 5,000 | - | - |
| | | **157,777** | **108,791** | **48,986** | **157,777** | **178,863** | **21,086** | **21,086** |
| | **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 17,000 | 6,425 | 10,575 | 17,000 | 15,000 | (2,000) | (2,000) |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 7,000 | 4,457 | 2,543 | 7,000 | 9,700 | 2,700 | 2,700 |
| 2300-2399 | Repairs & Upkeep | 61,000 | 62,690 | - | 62,690 | 70,700 | 9,700 | 8,010 |
| 2400-2449 | Rent | 3,000 | 1,318 | 1,682 | 3,000 | 3,000 | - | - |
| 3010 | Street Lighting | 34,000 | 19,816 | 14,184 | 34,000 | 33,000 | (1,000) | (1,000) |
| 3020 | Lease of Equipment | | - | | - | | - | - |
| 3030 | Insurance | 5,000 | 4,991 | 9 | 5,000 | 5,200 | 200 | 200 |
| 3035 | Bank Charges | 1,000 | 3,905 | - | 3,905 | 3,000 | 2,000 | (905) |
| 3038 | Penalties | | - | | - | | - | - |
| 3040 | Waste Disposal | 70,000 | 47,160 | 22,840 | 70,000 | 87,466 | 17,466 | 17,466 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3041 | Refuse Collection | 120,000 | 89,018 | 30,982 | 120,000 | 120,000 | - | - |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 16,000 | 22,442 | | 22,442 | 30,000 | 14,000 | 7,558 |
| 3043 | Bins on wheels | | - | | - | | - | - |
| 3045 | Bring in sites | | - | | - | | - | - |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 44,800 | 37,345 | 7,455 | 44,800 | 45,000 | 200 | 200 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 38,000 | 18,356 | 19,644 | 38,000 | 30,000 | (8,000) | (8,000) |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 10,000 | 6,167 | 3,833 | 10,000 | 13,000 | 3,000 | 3,000 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | | 4,856 | | 4,856 | | - | (4,856) |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | | | | - | | - | - |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 47,800 | 41,032 | 6,768 | 47,800 | 48,000 | 200 | 200 |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - | | - | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - | | - | - |
| 3064 | Other Contractual Services | 5,000 | - | 5,000 | 5,000 | 20,000 | 15,000 | 15,000 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | | | - | | - | - |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | 25,000 | 28,575 | | 28,575 | 31,000 | 6,000 | 2,425 |
| 3300-3379 | Hospitality | 80,000 | 48,187 | 31,813 | 80,000 | 84,200 | 4,200 | 4,200 |
| 3380-3389 | Community | | | | - | | - | - |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | | | | - | | - | - |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - | | - | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **584,600** | **446,740** | **157,328** | **604,068** | **648,266** | **63,666** | **44,198** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 3,500 | 2,714 | 786 | 3,500 | 4,000 | 500 | 500 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | | | | - | | - | - |
| 2450-2499 | Office Rent | | | | - | | - | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 200 | 1,286 | - | 1,286 | 200 | - | (1,086) |
| 2600-2699 | Office Services | 9,500 | 8,395 | 1,105 | 9,500 | 9,000 | (500) | (500) |
| 2700-2799 | Transport | 3,600 | 1,205 | 2,395 | 3,600 | 3,800 | 200 | 200 |
| 2800-2899 | Travel | | | | - | | - | - |
| 2900-2999 | Information Services | 5,000 | 2,207 | 2,793 | 5,000 | | (5,000) | (5,000) |
| 3050 | Office Cleaning | | | | - | | - | - |
| 3140-3199 | Professional Services | 5,000 | 10,983 | | 10,983 | 5,000 | - | (5,983) |
| 3200-3299 | Training | | 207 | | 207 | | - | (207) |
| 3345 | Office Hospitality | | | | - | | - | - |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | 16,000 | 20,222 | | 20,222 | 24,500 | 8,500 | 4,278 |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **42,800** | **47,219** | **7,079** | **54,298** | **46,500** | **3,700** | **(7,798)** |
| | **Finance Costs** | | | | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - | | - | - |
| | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | | | | - | | - | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - | | - | - |
| 8000-8099 | Depreciation (Charge for the Year) | 200,000 | 207,028 | | 207,028 | 316,546 | 116,546 | 109,518 |
| | | 200,000 | 207,028 | - | 207,028 | 316,546 | 116,546 | 109,518 |
| | **Total** | **985,177** | **809,778** | **213,393** | **1,023,171** | **1,190,175** | **204,998** | **167,004** |

# Detailed Estimates of Statement of Financial Position

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET<br>Jan-Dec<br><br>2019<br>€ | ACTUAL<br>as at<br>30-Set<br>2019<br>€ | FORECAST<br>changes from<br>30 Sep-31 Dec<br>2019<br>€ | TOTAL<br>as at<br>31-Diċ<br>2019<br>€ | BUDGET<br>Jan-Dec<br><br>2020<br>€ | VARIANCE<br>Bud-Bud<br><br><br>€ | VARIANCE<br>Bud-Act<br><br><br>€ |
| | **Inventory** | | | | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | | | | - | - | - | - |
| 5250-5299 | Consumables | | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | - | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| | **Receivables** | | | | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 50,597 | 74,984 | | 74,984 | 86,984 | 36,387 | 12,000 |
| 0210-0219 | LES Receivables | 13,392 | 13,165 | | 13,165 | 13,164 | (228) | (1) |
| 0220-0229 | Receivables from EU | | | | - | | - | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | 800 | - | | - | | (800) | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **64,789** | **88,149** | **-** | **88,149** | **100,148** | **35,359** | **11,999** |
| | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 1,497,887 | 1,204,950 | | 1,204,950 | 1,286,052 | (211,835) | 81,102 |
| | | **1,497,887** | **1,204,950** | **-** | **1,204,950** | **1,286,052** | **(211,835)** | **81,102** |

**Payables**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4000 | Payables | 200,500 | 123,509 | | 123,509 | 150,000 | (50,500) | 26,491 |
| 4100 | Accruals | 100,000 | 96,593 | | 96,593 | 100,000 | - | 3,407 |
| 4150 | Defered Income | - | 950 | | 950 | - | - | (950) |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | - | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **300,500** | **221,052** | **-** | **221,052** | **250,000** | **(50,500)** | **28,948** |

**Non Current Liabilities**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4200 | Long Term Borrowings | 673,318 | | | - | | (673,318) | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **673,318** | **-** | **-** | **-** | **-** | **(673,318)** | **-** |